SOMMARJU EŻEKUTTIV

# Rapport dwar ir-Riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali 2013 b'ħarsa 'l quddiem

Il-Kummissjoni twaqqfet biex tagħmel analiżi politika tar-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali 2013 u biex tagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex il-Partit Nazzjonalista jkun jista' jipprepara ruħu għall-isfidi politiċi li għandu quddiemu fis-snin li ġejjin.

Biex il-Kummissjoni tasal għall-konklużjonijiet tagħha użat għodod differenti biex tiġbor id-data meħtieġa. L-informazzjoni nġabret permezz ta' *interviews*, *focus groups*, *online surveys*, u *surveys* li saru qabel l-elezzjoni, *emails*, analiżi ta' rapporti u kummenti fil-media u rapporti minn nies f'diversi setturi u ta' etajiet differenti. Hija ltaqgħet mal-Kumitati Sezzjonali kollha tal-Partit Nazzjonalista f'Malta u Għawdex ħlief ma' dawk li ma setgħux jattendu għal xi raġuni jew oħra iżda li xorta waħda bagħtu r-rapporti tagħhom; iltaqgħet ma' dawk il-ħaddiema tal-Partit Nazzjonalista li riedu jiltaqgħu magħha; iltaqgħet ma' deputati li telgħu kif ukoll dawk li ma telgħux; iltaqgħet ma' deputati li kienu membri tal-Parlament f'leġiżlaturi oħra saħansitra anki dawk li servew taħt il-Gvern ta' Dr George Borg Olivier u Dr Eddie Fenech Adami; iltaqgħet ma' nies f'*focus groups* li fihom kienu rrappreżentati etajiet differenti minn dawk ta' 18-il sena sa nies pensjonanti; iltaqgħet ma' rappreżentanti ta' professjonijiet u snajja' differenti; iltaqgħet ma' nies individwali li ppreferew li jiltaqgħu mal-Kummissjoni milli jibagħtu l-veduti tagħhom bil-miktub; iltaqgħet ma' firxa sħiħa tas-soċjetà Maltija minn ġewwa l-Partit u barra l-Partit Nazzjonalista.

Il-Kummissjoni u l-Membri tal-Kummissjoni individwalment irċevew 'il fuq min 2,500 *email*, 'il fuq minn 120 ittra;  għamlet 'il fuq minn 135 *interview* u ltaqgħet 28 darba – dan kollu f'temp ta' tmien ġimgħat.

Irid jingħad li l-Partit Nazzjonalista qiegħed għad-dispożizzjoni tal-istess Kummissjoni r-riżorsi u d-dokumenti kollha neċessarji bla ebda ħabi jew tfixkil. Anki jekk xi drabi, kif jingħad bl-Ingliz, *truth is hard to swallow*, il-Partit Nazzjonalista tana l-fiduċja kollha tiegħu.

Kif ġie spjegat fit-taqsima tal-metodoloġija, għal raġunijiet etiċi u professjonali, l-ismijiet, indirizzi u kull informazzjoni oħra li għandha x'taqsam ma' dak li għogobhom jagħtuna din l-informazzjoni se tibqa' għand iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni u mhux se tingħata lill-Partit Nazzjonalista sabiex il-kunfidenzjalità tal-identità ta' kull min resaq b'informazzjoni tibqa' garantita.

Saret analiżi kemm kwantitattiva u kwalitattiva. Fil-kwantitattiva ntużaw *surveys* ikkummissjonati mill-Partiti Nazzjonalista u *surveys* oħrajn li ġew ippubblikati fil-gazzetti. Fir-riċerka kwalitattiva ġejna avviċinati minn nies minn ġewwa u minn barra l-Partit. Il-pubbliku Malti kollu ġie mistieden biex jipparteċipa. Kull min ried seta' jibgħat l-opinjoni tiegħu.  Il-Kummissjoni stiednet lil kull min ried jibgħat l-opinjonijiet tiegħu jagħmel dan

permezz ta' *email address* speċjali, permezz ta' indirizz ta' kaxxa postali jew għal min ipprefera, permezz ta' *interview* dirett mal-Kummissjoni.

Kien essenzjali wkoll li nilħqu n-nies tal-Partit għaliex dawn jistgħu jagħtu tagħrif fuq affarijiet li jikkonċernaw lill-Partit u jissuġġerixxu kif iridu jaraw il-Partit Nazzjonalista jiżviluppa. Fuq kollox, Partit hu propjeta tal-membri tiegħu. Għalhekk iridu jkunu l-membri wkoll li jitkellmu u jgħidu huma x'jixtiequ.

Biex l-eżerċizzju jkun wieħed validu, kull membru ta' din il-Kummissjoni kellu jagħmel sforz u jinsa dak li hu jaħseb li kienu r-raġunijiet għal dan ir-riżultat. Minflok, kull membru bbaża l-analiżi tiegħu u allura r-raġunijiet għal dan ir-riżultat fuq id-*data* li ġiet miksuba wara li l-Kummissjoni mxiet fuq kriterji xjentifiċi biex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa, kif ġie spjegat fit-taqsima tal-metodoloġija li ġiet użata biex tinkiseb din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għamlet l-aħjar li setgħet fit-termini tal-ħin li kellha. Minkejja l-eluf ta' komunikazzjonijiet u mijiet ta' laqgħat ma' nies individwali, tifhem li hemm aktar nies li jixtiequ jkomplu jagħtu l-veduti tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk tħeġġeġ lill-Partit Nazzjonalista sabiex ikompli b'dan l-eżerċizzju. Dan huwa rapport li jrid jiġi kkunsidrat bħala *work in progress* għaliex hemm aktar u aktar xi jsir.

Il-Kummissjoni użat is-sistema PESTLE li hi metodu li jintuża sabiex jiġu ppreparati rapporti ta' dan it-tip u jiġifieri li kull parti tar-rapport titqies mill-*punto di vista* ta': Politika, Ekonomija, Soċjetà, Teknologija, Legali u Ambjentali (*Environmental*).

Ir-rapport huwa maqsum fi tliet taqsimiet:

L-Ewwel Taqsima – Għaliex tilef il-Partit Nazzjonalista

It-Tieni Taqsima – Għaliex rebaħ il-Partit Laburista

It-Tielet Taqsima – Il-ħarsa 'l quddiem

F'kull taqsima ntużat s-sistema PESTLE.

Fir-realtà l-Kummissjoni spiss kienet issib ruħha f'pożizzjoni kważi surreali. Dan għaliex bħal kull analiżi li ssir wara telfa, din kellha bilfors tiffoka fuq dawk ir-raġunijiet li ġabu din it-telfa – għalhekk ħarġu dawk l-elementi kollha negattivi. Iżda deher ċar għall-Kummissjoni li dawn ir-raġunijiet kollha li hija elenkat, f'moħħ in-nies, ħadu preċedenza fuq il-fatt li f'dawn l-aħħar ħames snin Malta kellha wieħed mill-aħjar Gvernijiet mill-Indipendenza 'l hawn. Kien ta' suċċess *in its own right*.

Iżda kien aktar u aktar ta' suċċess meta wieħed iqis id-diżastru ekonomiku mondjali li ġab kollass totali fis-sistemi ekonomiċi ta' għexieren ta' pajjiżi u li ssarraf f'pajjiżi bħall-Greċja, Spanja, il-Portugall u l-Italja li waqgħu għarkupptejhom meta bdew jikkrollaw l-ekonomiji tagħhom. Dan issarraf f'qgħad rekord li f'xi pajjiżi laħaq il-25%, b'perċentwali qawwi kienu żgħażagħ; issarraf fi skuntentizza reali fost il-popli ta' dawn il-pajjiżi bi

rvellijiet serji fit-toroq għaliex in-nies verament inkwetaw u għadhom inkwetati għall-impiegi tagħhom, għal-livell tal-għajxien tagħhom, għall-futur tat-tfal tagħhom.

Waqt li dan kollu kien qed jiġri madwarna, Malta mill-banda l-oħra, grazzi għall-Gvern immexxi minn Dr Lawrence Gonzi li b'għaqal kbir kien qed imexxi lil dan il-pajjiż tagħna qalb dan il-maltemp kollu, flimkien mal-Ministri u l-imsieħba soċjali kollha, irnexxielha litteralment tiffjorixxi. Kellha, minflok figuri straordinarji ta' qgħad u skuntentizza, rekords wieħed wara l-ieħor fl-impjiegi, fis-saħħa, fit-turiżmu u f'tant oqsma oħra li lkoll jissarrfu f'ġid għal pajjiżna. Malta laqgħet investituri u barranin li ġabu l-azjendi tagħhom fostna u mbagħad il-familji tagħhom magħna għaliex Malta "*is one of the nicest places in the world to live in*." Din hi realtà wkoll. Dan il-Gvern Nazzjonalista saħansitra biddel wiċċ Malta.

Dr Lawrence Gonzi wera li kien statista mill-kbar nett, statista li minbarra li mexxa lil dan il-pajjiż b'suċċess kbir minn wieħed mill-aktar perijodi diffiċli fl-istorja tal-ekonomija mondjali, barra li kellu jiffaċċja mġiba straordinarja minn xi membri tal-istess Grupp Parlamentari, dan ukoll kellu jiffaċċja u ffaċċja b'suċċess kbir, l-isfida tal-Libja fejn irnexxielu juri lid-dinja l-validità ta' Malta u l-importanza li anki pajjiż ċkejken bħal tagħna jżomm sod fuq in-naħa tas-sewwa. Dr Lawrence Gonzi kien u jibqa' statista kbir.

Għalhekk il-Kummissjoni sabet ruħha kważi kważi f'pożizzjoni surreali għaliex waqt li dan kollu ma jista' jinnegah assolutament ħadd, u l-*floating voters* u dawk in-Nazzjonalisti li din id-darba jew ma vvutawx jew ivvutaw Labour jammettu li dan verament kien il-każ, in-nies xorta waħda riedu bidla minn Gvern Nazzjonalista għal Gvern Laburista.

Ir-rwol tal-Kummissjoni kien li tiskopri għaliex minkejja dan is-suċċess straordinarju, kien hemm 35,573 persuna li taw maġġoranza lill-Partit Laburista. Il-Kummissjoni tħoss li l-punt tat-tluq kien li n-nies fil-maġġoranza kbira tagħhom riedu BIDLA u għalhekk il-fatturi kollha li aħna identifikajna għenu sabiex dawn l-istess nies jiddeċiedu li jivvutaw favur dik il-bidla. Oħrajn, waqt li ma kellhomx l-istess punt ta' tluq (il-bżonn ta' bidla), matul il-leġiżlatura bdew iħossuhom aktar distakkati u l-fatturi kollha li elenkajna tawhom importanza biżżejjed sabiex waslu jagħmlu dak il-pass u jivvutaw Labour.

Dan li ġej huwa sommarju eżekuttiv tal-punti l-aktar importanti li ħarġu minn kull taqsima. Bħala kumment ġenerali, u jekk wieħed jista' jazzarda jiġbor kollox f'sentenza waħda fir-rigward tat-triq 'il quddiem, dak li jrid jagħmel il-Partit Nazzjonalista issa hu li jerġa' jkebbes dak il-*feel good factor* fost il-partitarji tiegħu, jerġa' jappella għal min kellu tendenza Nazzjonalista u li ma vvutax jew ivvutaw Labour u jestendi *sense of true belonging* lil kull min irid jifforma parti minn din il-familja Nazzjonalista għaliex iħossu aktar komdu jassoċja ruħu mal-ħsibijiet u l-*ethos* tal-Partit Nazzjonalista milli ma' dawk tal-Partit Laburista.

Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li ħadu l-ħin sabiex jikkomunikaw magħna u jagħtuna l-ħsibijiet tagħhom. Dan ir-rapport ma kienx ikun possibbli mingħajr l-involviment u l-impenn ta' dawn il-persuni.

Finalment il-membri tal-Kummissjoni jirringrazzjaw lill-Kap tal-Partit, lill-Kunsill Amministrattiv, kif ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li wrew fihom.

**Dr Ann Fenech – Chairman**
**Prof. Mary Anne Lauri**
**Dr Simon Mercieca**
**Is-Sinj. Rosette Thake**
**Is-Sur Malcolm Custò**

L-EWWEL TAQSIMA

# Għaliex tilef il-Partit Nazzjonalista?

## Il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern fis-snin 2008 – 2013

### Ir-riżultati miksuba mill-Gvern Nazzjonalista bejn l-2008 u l-2013

Il-Gvern Nazzjonalista fl-aħħar leġiżlatura kien dak li għamel l-ikbar numru ta' *records* għall-pajjiż. Pajjiżna ma daħal f'ebda riċessjoni minkejja li konna mdawar b'pajjiżi li raw l-agħar riċessjoni mill-*Great Depression* tal-1920. Jidher li dawn ir-riżultati ma kinux prijorità għall-elettorat Malti. Lanqas il-mod eċċellenti li bih il-Gvern ittratta l-kwistjoni tal-Libja ma rnexxielu jibdel l-opinjoni tal-elettorat favur l-amministrazzjoni ta' dan il-Gvern. Aktar mill-politika barranija, l-elettorat għażel li jiffoka fuq raġunijiet domestiċi.

### In-nies xtaqu bidla

Jidher li wara li partit ikun ilu diversi snin fil-Gvern, il-poplu jkun irid bidla. Ġara li parti mill-elettorat li normalment jivvota lill-Partit Nazzjonalista, ħassu aktar komdu jagħti s-sapport tiegħu lill-Partit Laburista tant li r-riżultati ekonomiċi miksuba mill-Gvern jidher li ttieħdu *for granted*.

### Burokrazija żejda u sabutaġġi

Sezzjoni tal-votanti Nazzjonalisti riedet teħles minn ċerti nies imqegħdin f'bordijiet jew fi strutturi taċ-Ċivil li ħassew li għamlu l-ħajja tagħhom diffiċli. Jidher li kien hemm ħafna nies li ma ridux permessi jew affarijiet li ma kellhomx dritt għalihom iżda affarijiet bażiċi u li kien ħaqqhom bi dritt. Madankollu kien hemm uffiċjali li bl-iskuża tal-burokrazija jew saħansitra bħala att ta' sabutaġġ għamluha diffiċli ħafna biex dawn jinqdew. Fuq quddiem nett kien hemm l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – il-MEPA – li saret "*nightmare*" mhux biss għall-kuntratturi iżda wkoll għall-familji.

### L-għażla ta' Kabinett żgħir

Il-fatt li l-Ministeri kienu ftit imma kbar wassal biex il-Ministri mhux biss ma kellhomx ħin jikkomunikaw iżda ħafna drabi lanqas kellhom ħin jaraw jekk iċ-Ċivil kienx qed jimxi sew fuq id-direzzjoni li jagħti l-Gvern. L-għażla ta' Kabinett żgħir wasslet ukoll biex iżjed *backbenchers* iħossuhom diżappuntati.

### Is-Segretarjati fil-Ministeri

Is-Segretarjati tal-Ministri kienu żgħar wisq għall-kobor tal-Ministeri, bir-riżultat li ma setgħux ikunu ta' appoġġ effettiv għall-ħidma tal-Ministru.

### L-*issue* tal-SMS

L-allegat mod ta' kif dawk id-deputati li ma ġewx maħtura ministri wara l-2008 ġew informati li ma kinux ser jifformaw parti mill-kabinett u kif din l-aħbar inxterdet mal-elettorat, ukoll minn uħud minn dawn id-deputati, kellu effett negattiv.

## Id-diżgwid fil-Grupp Parlamentari Nazzjonalista

L-inkwiet li nqala' fost il-Grupp Parlamentari Nazzjonalista ma' kienx biss għax kien hemm min kellu aġenda personali iżda wkoll għax kien hemm min ħass li ħafna drabi l-Grupp kien qed jiġi injorat. Dan ħoloq problema kbira u immina lill-Gvern speċjalment fl-aħħar sentejn peress li kellu biss maġġoranza ta' siġġu wieħed.

## Is-servizz ta' *Customer Care* fid-Dipartimenti tal-Gvern

Is-servizzi ta' *Customer Care* fid-Dipartiment tal-Gvern ma setgħux ilaħħqu max-xogħol li kellhom. F'ċerti każi jidher li setgħu taw kontribut ħafna akbar kieku kellhom iktar appoġġ mill-kapijiet tagħhom.

## Il-"Klikka"

Il-perċezzjoni li kien hemm klikka jew klikek, kemm jekk vera kif ukoll jekk le, kienet ta' ħsara kbira għall-Gvern Nazzjonalista.

## L-arroganza

L-akkuża ta' arroganza kemm minn Ministri u Segretarji Parlamentari kif ukoll minn nies fiċ-Ċivil  tqieset aktar gravi għaliex bdiet tkun assoċjata ma' dak kollu negattiv li kien qed jeffettwa l-ħajja ta' kuljum.

## Is-Sur John Dalli

Wara li John Dalli ma sarx Kap tal-Partit Nazzjonalista, baqa' jinħass li ma kienx hemm integrazzjoni biżżejjed bejn il-gruppi differenti fil-Partit.

## Id-Deputati ribelli

L-*issues* ta' kull wieħed mid-Deputati ribelli kienu differenti però kollha kellhom l-istess oriġini jiġifieri l-fatt li ma sarux Ministri. Dawn ippreżentaw problemi kbar u kostanti matul il-leġiżlatura sħiħa. Jidher li l-livell ta' żlealtà kien fi proporzjonijiet enormi u inaċċettabbli.  Mandankollu l-mod kif xi kultant il-Prim Ministru indirizza dawn ir-ribelli deher li qisu ma kellux kontroll fuq il-Grupp Parlamentari tiegħu.

## Franco Debono

Il-problema Franco Debono kienet straordinarja għall-aħħar fejn fir-realtà kien hemm Deputat li kien qed iżomm ostaġġ lill-Gvern sakemm dan baqa' biex effettivament waqqa' l-Gvern. Dan kien aġir irresponsabbli għall-aħħar.

## Il-Parlament

Il-fatt li minħabba l-inkwiet intern kien ikun hemm żmien twil meta l-Parlament għalkemm jiltaqa' ma kienx jieħu deċiżjonijiet ħoloq l-impressjoni li l-Gvern kien qed jagħmel sforz biex iwassal il-leġiżlatura sal-aħħar akkost ta' kollox.

## It-talba għar-riżenji ta' Ministri

Parti mill-elettorat ħasset li kellu jkun hemm ir-riżenji ta' xi Ministri li kienu responsabbli għal proġetti jew *policies* li ma tħaddmux tajjeb. In-nuqqas ta' dawn ir-riżenji wassal biex parti mill-elettorat iħossu diżappuntat.

## Nuqqas ta' sens etiku

Intwera nuqqas kbir ta' sens etiku kull meta korrispondenza u diskussjonijiet kunfidenzjali kemm fil-Gvern kif ukoll fi ħdan il-Grupp Parlamentari Nazzjonalista spiċċaw għand il-*media*. Dan mhux biss kien sinjal ta' nuqqas ta' lealtà iżda xejjen it-*team spirit* li huwa essenzjali biex ikun hemm diskussjoni miftuħa u ġenwina li twassal għal ħidma kollettiva li tħalli r-riżultati.

## Il-ħatra ta' Assistenti Parlamentari

Waqt li dawn il-ħatriet saru b'intenzjoni tajba, il-perċezzjoni kienet li dawn saru biex ikunu aġevolati wħud mill-*backbenchers* li ma ġewx maħtura Ministru jew Segretarju Parlamentari.

## Ħaddiema fil-Ministeri

Jidher li kien hemm il-perċezzjoni li ċerti nies fi ħdan il-Ministeri kienu jew jaqdu biss in-nies tad-distrett tal-Ministru jew jaqdu nies mill-kamp Laburista a skapitu ta' dawk li huma Nazzjonalisti. Oħrajn saħansitra ma kinux jikkoperaw ma' Ministri u Membri Parlamentari oħra.

## Ħaddiema b'fehmiet Laburisti fiċ-Ċivil

Waqt li kien hemm ħafna ħaddiema b'fehmiet Laburisti fi ħdan iċ-Ċivil u l-Awtoritajiet li għamlu xogħolhom b'mod leali u effiċjenti, kien hemm oħrajn li b'mod organizzat għamlu minn kollox biex jimminaw il-ħidma tal-Gvern.

## L-għażla tan-nies fuq bordijiet ta' amministrazzjoni

Deher li kien hemm ċerti membri ta' bordijiet li użaw il-pożizzjoni tagħhom b'mod ħażin ma' persuni irrispettivament mill-kulur politiku tagħhom u dan wassal għal ħafna skuntentizza bla bżonn. In-nuqqas ta' azzjoni kontra dawn il-persuni niftiehem li l-Gvern kien debboli fil-konfront tagħhom.

## L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – Il-MEPA

Il-perċezzjoni inġenerali tan-nies kienet li r-riforma fl-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – il-MEPA – mhux biss ma waslitx għar-riżultati mixtieqa iżda saħħet il-perċezzjoni pubblika li din l-awtorità hija mostru burokratiku li ħadd m'għandu kontroll fuqu.

## Ir-riċessjoni ekonomika

Waqt li l-Gvern irnexxielu jaffronta u jegħleb l-isfidi ekonomiċi minkejja r-riċessjoni li kienet għaddejja fl-Ewropa, ċerti deċiżjonijiet li ttieħdu naqqsu l-flus mill-but tan-nies.

### L-ineffiċjenza fl-ARMS

L-ineffiċjenza fl-ARMS wasslet biex in-nies kellhom il-perċezzjoni li l-Gvern ma kienx kapaċi jirranġa dak li hu ħażin fi żmien raġonevoli. Il-kontijiet żbaljati u dawk maħruġa għal perjodu twil, u *customer care* li ma kienx jiffunzjona kif suppost komplew isaħħu l-perċezzjoni li l-ARMS kienet falliet fil-missjoni li għaliha twaqqfet.

### Il-*power station* ġdida ta' Delimara

Proġett li kellu jkun wieħed pożittiv spiċċa wieħed kontroversjali għall-aħħar. L-allegata korruzzjoni fix-xiri tal-*power station* ġdida li taħdem bil-*Heavy Fuel Oil* flok bil-gass tat lok għall-perċezzjoni ta' korruzzjoni u deċiżjonijiet żbaljati li parzjalment setgħu kkontribwew għall-għoli fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

### L-iskandlu tax-xiri taż-żejt

Parti mill-elettorat ma setax jifhem kif ħadd mill-awtoritajiet ma induna bl-allegat skandlu.

### L-onorarja tal-Ministri

Il-poplu Malti stenna li l-Gvern jimxi b'eżempju meta kien qed jitkellem dwar tnaqqis ta' ċerti sussidji. Id-deċiżjoni li tiżdied l-onorarja meta ż-żieda tal-għoli tal-ħajja kienet biss ta' €1.16 fil-ġimgħa ħolqot rabja kbira fin-nies. Huwa ċar li din il-materja kienet *mismanaged*.

### Ir-riforma tat-trasport pubbliku

Ir-riforma fit-trasport pubbliku kienet meħtieġa. Madankollu nħolqu aspettattivi għoljin ħafna, saru ħafna żbalji u ġiet implimentata b'mod mgħaġġel wisq bil-konsegwenza li l-ewwel reazzjoni kienet li r-riforma ma kinitx suċċess. Dan baqa' jinħass għal ħafna xhur wara li bdiet titwettaq ir-riforma.

### It-Tarzna, l-Air Malta u s-Sea Malta

Waqt li r-riformi f'dawn il-kumpaniji kellhom isiru, il-miżuri li ttieħdu laqtu ħażin certu ħaddiema.

### Ħlasijiet ta' penali tal-VAT

L-impożizzjoni ta' penali marbuta mal-VAT għamlet il-ħajja tan-nies fin-negozju tqila u l-Gvern deher li kien qed ikun insensittiv ma' min kien qed jaqa' lura fil-ħlas tal-VAT.

### Ir-rati tal-*income tax*

Il-fatt li l-wegħda elettorali tal-2008 li jonqsu r-rati tal-*income tax* twettqet b'mod sħiħ fl-aħħar ftit xhur, inħasset li kienet "*too little, too late*".

## Tax Compliance Unit (TCU)

Ħafna ħassew li t-Tax Compliance Unit ma kienx qiegħed jitmexxa b'umanità u dan wassal biex il-Gvern deher iebes wisq ma' min kien għaddej minn diffikultajiet finanzjarji.

## Il-ħaddiema b'kundizzjonijiet prekarji

Matul is-snin inħolqot il-perċezzjoni li l-Gvern ma kien qed jagħmel xejn biex jiġġieled l-abbuż minn ċerti kuntratturi li jħaddmu nies b'kundizzjonijiet inferjuri.

## Il-Koperattiva

Il-fatt li t-tibdil fil-Liġi tal-Koperattivi mwiegħed mill-Gvern baqa' ma seħħx minkejja perjodu twil ta' konsultazzjoni wassal għal tgergir fost esponenti ta' dan is-settur. Ħasra kbira wkoll li ma sar kważi xejn biex tiġi ċċelebrata is-Sena Internazzjonali tal-Koperattivi fl-2012 u dan is-settur baqa' mingħajr ebda inizzjattivi sinifikanti li setgħu xprunaw żvilupp tant meħtieġ.

## Setturi oħra tax-xogħol

Kien hemm ukoll setturi oħra ta' ħaddiema li ġew milquta mir-riformi tal-Gvern, fosthom id-distributuri tal-gass u l-Pulizija li jew kellhom bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd mill-Partit Laburista biex jissolvew l-*issues* tagħhom jew inkella il-Gvern Nazzjonalista kaxkar saqajh sal-aħħar magħhom.

## Il-każ tal-Valletta Fund Management

Waqt li fil-każ tal-Valletta Fund Management il-Gvern ma kellu x'jaqsam xejn, kien hemm il-perċezzjoni li jekk jitla' l-Partit Laburista, dawk l-investituri li tilfu l-flus kienu se jmorru aħjar.

## L-industrija tal-bini

Il-miżuri li ttieħdu fil-Budget sabiex is-suq tal-propjetà jissaħħaħ messhom saru qabel. Fil-fatt dawn il-miżuri tfaċċaw ukoll fil-programm elettorali u saħansitra żdiedu.

## L-għoli tal-ħajja

Il-perċezzjoni ta' ħafna kienet li l-Gvern ma kienx qed jindirizza l-għoli tal-ħajja. L-inflazzjoni ta' matul is-snin u t-tneħħija tas-sussidju fuq il-gass u ż-żieda fil-prezzijiet tal-*petrol* u tad-*diesel* komplew isaħħu din il-perċezzjoni.

## Il-Permanent Residency Scheme

Is-sospensjoni ta' din l-iskema għal ħafna xhur u l-fatt li meta reġgħet bdiet titħaddem ma kinetx waħda sodisfaċenti, kien meqjus minn grupp partikolari ta' votanti bħala żball kbir tal-Gvern. Dan ħoloq diffikultajiet għas-settur privat li kien investa f'dan il-qasam matul l-aħħar snin.

### Il-qasam tal-*Housing*

Fil-qasam tal-*Housing*, il-Gvern deher li ma kellux *stock* biżżejjed ta' djar biex jiġu allokati lil min kellu bżonn u l-pressjoni ta' *social housing* speċjalment fin-Nofsinhar ta' Malta, ma ġietx indirizzata tajjeb.

### Id-divorzju

Parti sostanzjali mill-elettorat ħasset li l-Partit Nazzjonalista ma messu qatt ħa pożizzjoni kontra d-dħul tad-divorzju mill-bidu nett u dan l-aktar minħabba l-fatt li l-Partit Nazzjonalista stess ried li jsir referendum dwar dan is-suġġett. Deher ukoll li ħafna ħassew li l-Prim Ministru ma messux ivvota fil-Parlament kontra x-xewqa tal-maġġoranza għax din il-pożizzjoni personali tiegħu kienet tmur kontra r-rwol tiegħu ta' Prim Ministru li jirrappreżenta lill-istess maġġoranza.

### Id-drittijiet tal-persuni omosesswali

Inħass li l-Gvern naqas milli jifforma politika ċara dwar id-drittijiet tal-persuni omosesswali u kien żball li l-liġi li tirregola dan il-qasam tħalliet fuq l-ixkaffa għal ħafna snin u għalhekk deher insensittiv.

### Il-qasam taċ-ċensura

Waqt li saru bidliet importanti f'dan il-qasam, jidher ċar li dawn il-bidlet ma kellhomx effett pożittiv fuq l-elettorat fir-rigward tal-Partit Nazzjonalista.

### Id-dilettanti tal-Karnival

Id-dilettanti tal-Karnival ħassew li kien qed tintwera nuqqas ta' sensittività lejn ix-xogħol tagħhom meta twarrbu mill-imħażen minn fejn jaħdmu u baqgħu sentejn fil-limbu.

### L-immigrazzjoni illegali

Il-pożizzjoni ċara anti-razzista meħuda mill-Gvern Nazzjonalista ma niżlitx tajjeb ma' ċerti votanti. Din setgħet tiġi spjegata aħjar. Min-naħa l-oħra, il-Partit Laburista żamm sieket fi sforz biex jagħti l-impressjoni li ma kienx jaqbel mal-pożizzjoni tal-Gvern.

### Il-vot tal-komunità Musulmana

Jidher ċar li l-Partit Laburista rnexxielu jikseb il-vot tal-komunità Musulmana f'Malta, kemm ta' dawk li kienu favur ir-reġim ta' Gaddafi kif ukoll ta' dawk li kienu kontra l-istess reġim.

### Kultura anti-Kattolika

Il-Gvern kien qed jidher li qed jagħti appoġġ lill-morali Kristjana però fl-istess waqt kien hemm strutturi sħaħ kulturali fi ħdan l-istess Gvern li kienu qed jimxu fuq linja sekulari. Dan kollu wassal biex il-figura tal-Prim Ministru Gonzi tidher wisq konservattiva.

## Il-qasam tas-saħħa

Id-dewmien esaġerat fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei flimkien mad-dewmien u listi twal biex isiru xi operazzjonijiet, naqqsu bil-bosta l-progress kbir li sar fil-qasam tas-saħħa mill-Partit Nazzjonalista fil-Gvern. Kienu bosta dawk li ħassew li l-Gvern messu ħa azzjoni kontra ċerti individwi f'pożizzjonijiet għolja fi ħdan il-Ministeru u l-Isptar u li kienu sors ta' sabutaġġi li ħolqu impressjoni ħażina tas-servizz tas-saħħa.

## L-Edukazzjoni

Għalkemm hemm apprezzament wiesa' għas-suċċessi tal-Partit Nazzjonalista fil-Gvern fil-qasam tal-edukazzjoni, inħass li twettqu wisq riformi f'daqqa u li ma kkonsultax biżżejjed mal-għalliema.

## Il-komunikazzjoni tal-Gvern waqt il-kampanja elettorali

Il-Gvern ma ppromwoviex biżżejjed il-ħidma tiegħu matul dawn l-aħħar ħames snin. Matul l-aħħar sentejn tal-leġiżlatura l-komunikazzjoni tal-Gvern kienet imxekkla min-nuqqas ta' qbil fil-Partit Nazzjonalista. Waqt il-kampanja elettorali l-Gvern inħass li kien qiegħed ikun reattiv minflok proattiv biex iwassal messaġġ pożittiv dwar il-ħidma tal-Gvern.

## Ix-xandir tal-Istat

Fost l-elettorat kien hemm il-perċezzjoni li x-xandir tal-Istat, kien ixaqleb favur il-Gvern bil-konsegwenza li dawk li kienu diġà ħadu d-deċiżjoni li ma jivvutawx jew li jivvutaw lill-Partit Laburista ħadu gost jitkellmu kontra dan it-tip ta' xandir.

## Il-*media* indipendenti

Il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern, ma ħadimx bizzejjed biex jikkomunika l-politika u l-ħidma tiegħu permezz tal-*media* indipendenti bil-konsegwenza li l-ispazju ttieħed minn ħaddieħor li kien kritiku kontra l-politika u l-ħidma tal-Gvern Nazzjonalista.

## Legaliżmu żejjed

Ħafna ħassew li minflok il-Gvern u ċ-Ċivil ippruvaw isibu soluzzjonijiet legali għall-problemi tan-nies, dawn għażlu li jużaw il-liġi bħala raġuni biex ma tinstabx soluzzjoni għalihom.

## Il-kaċċa u l-insib

Il-pożizzjoni li ħa l-Gvern f'dan il-qasam la ġabet simpatija mill-għaqdiet volontarji li jaħmdu favur il-ħarsien tal-ambjent u wisq anqas mill-kaċċaturi u n-nassaba. Il-kaċċaturi n-nassaba ħassew li l-Gvern ma kienx qiegħed jaħdem biex iħares l-interess tagħhom matul l-aħħar snin.

## Il-biedja u s-sajd

Ħafna persuni sabuha diffiċli biex jadattaw ruħhom għall-bidliet kbar u ma jaqtgħu xejn li seħħew fis-setturi tal-biedja u s-sajd wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Dawk

milquta dehrilhom li l-uffiċjali fil-Ministeru bdew jagħtu l-impressjoni li ma jimpurtahomx minn dawn is-setturi. Is-sajjieda ħassewhom abbandunati u ċerti deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Gvern, bħaz-zoni ta' *Marine Conservation*, effettwaw anki lil dawk li għalihom is-sajd kien sempliċi delizzju.

### Problemi f'zoni urbani

F'termini ta' żvilupp urban, ħafna esprimew l-opinjoni li kien hemm numru ta' nuqqasijiet li waqt li ma wasslux b'mod dirett biex n-nies jaqilbu l-vot tagħhom minn wieħed favur il-Partit Nazzjonalista għal wieħed favur il-Partit Laburista, numru ta' votanti Nazzjonalisti ma baqgħux jikkunsidraw il-Gvern ta' Lawrence Gonzi bħala l-għażla naturali tagħhom.

### L-istat tat-toroq u l-bini ta' toroq ġodda

L-istat tat-toroq u d-dewmien biex jitlestew ċerti toroq u proġetti infrastturali oħra wrew nuqqas ta' kontroll mill-Gvern.

### Bini kklassifikat bħala *Grade One*

Il-bini li ġie ikklassifikat bħala *Grade One* spiċċa biex ħoloq ħafna burokrazija u spejjeż żejda għal dawk li m'għandhomx il-mezzi biex jagħmlu l-manteniment meħtieġ lil dawn il-binjiet.

### Talbiet għal aktar faċilitajiet sportivi

Kien hemm il-perċezzjoni li  ħafna talbiet minn assoċjazzjonijiet biex jinbnew faċilitajiet sportivi ma ntlaħqux meta dawn setgħu jiġu inklużi fil-ħidma tal-Gvern bi sforz akbar.

### Il-proġett ta' Bieb il-Belt

Għal ħafna, il-bini ta' Parlament ġdid għall-ewwel deher bħala proġett inutli speċjalment meta l-flus setgħu jintefqu f'affarjiet iktar urġenti. Meta beda javvanza l-bini diversi persuni biddlu l-fehma tagħhom. Madankollu l-Gvern bagħat messaġġ ħażin fir-rigward tas-sit tat-Teatru Rjal meta ġab ruħu daqslikieku hu biss kien jaf x'inhu tajjeb u li dawk li kienu qed jikkritikawh, avolja kienu n-nies l-aktar li jifhmu fil-qasam tal-kultura, ġew injorati.

## Il-Partit Nazzjonalista bħala Partit matul is-snin 2008 – 2013

### Dr Lawrence Gonzi bħala l-Kap tal-Partit

Dr Gonzi kemm bħala Prim Ministru kif ukoll bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista baqa' jgawdi stima kbira fost in-Nazzjonalisti. Dr Gonzi poġġa l-interess tal-pajjiż qabel l-interess tiegħu u biex seta' jmexxi l-pajjiż kellu bilfors inaqqas mill-ħidma tiegħu fil-Partit. Dan fisser li mhux dejjem kien f'pożizzjoni li josserva n-nuqqasijiet organizzattivi li kien qed ibati minnhom il-Partit.

### Is-Segretarju Ġenerali

Ħareġ ċar li s-Segretarju Ġenerali tul dawn il-ħames snin kien mifni bil-problemi kollha li nħolqu minħabba l-każ "Franco Debono" u bl-aġir ta' Jeffrey Pullicino Orlando. Ħareġ ċar ukoll li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kienet feliċi xejn u li għalhekk qatta' ħafna żmien jara kif se jmexxi l-Partit f'dan iż-żmien diffiċli. Dawn iċ-ċirkostanzi wasslu biex is-Segretarju Ġenerali kellu jiddedika ħinijet twal ħafna jiffoka fuq dawn il-problemi bil-konsegwenza li naqset l-attenzjoni fuq it-tmexxija u ħidma organizzattiva oħra daqstant importanti fil-Partit, inkluż il-Kumitati Sezzjonali.

### L-Assistent Segretarju Ġenerali

Filwaqt li l-membri tal-Kumitati Sezzjonali faħħruh għall-ħidma tiegħu, madankollu kien hemm numru ta' membri li qalu li ma sabuhx matul il-kampanja elettorali daqskemm xtaqu. Kien hemm membri oħra li qalu li ma kien hemm l-ebda *follow-up* meta ġew irritornati xi tesseri.

### Nuqqas ta' moniteraġġ

Il-Partit Nazzjonalista kien nieqes minn sistemi tajbin ta' moniteraġġ ta' dak li kien qed jigri fi ħdanu bħala Partit u fil-Gvern u dan poġġa l-istess Partit Nazzjonalista f'riskju elettorali.

### Il-perċezzjoni li kien hemm klikka fil-Partit Nazzjonalista

Matul l-aħħar snin inħolqot il-perċezzjoni li l-Partit Nazzjonalista kien qed jitmexxa minn klikka. Minkejja din il-perċezzjoni ħafna stqarrew li Dr Gonzi żgur ma kienx jifforma parti minn ebda klikka.

### Franco  Debono u Jeffrey Pullicino Orlando

Irrispettivament mis-sentiment komuni li Franco Debono u Jeffrey Pullicino Orlando ma wrewx lealtà lejn il-Partit u l-Gvern tant li rajniehom it-tnejn jiċċelebraw meta tela' l-Partit Laburista fil-Gvern, issa kulħadd jaf għaliex kienu jaraw l-affarijiet daqshekk differenti minn ħaddieħor fil-Partit Nazzjonalista. Minkejja dan kollu, jibqa' l-fatt li meta huma telqu mill-Partit Nazzjonalista ntilfu ċertu ammont ta' voti.

### Jesmond Mugliett

Il-ħsieb komuni kien li Jesmond Mugliett ma ġabx ruħu bl-istess mod ta' Franco Debono u Jeffrey Pullicino Orlando iżda l-perċezzjoni hi li żbalja bil-kbir xorta waħda. Jesmond Mugliett ukoll kellu ċertu "*following*" elettorali li ntilef mill-Partit Nazzjonalista.

### Dr Austin Gatt

Ħafna kienu dawk li kkummentaw dwar il-personlità ta' Dr Gatt però żiedu wkoll li kien wieħed mill-Ministri l-aktar iffukati u determinanti fil-ħidma tal-Gvern. Ħafna kienu wkoll tal-fehma li kien żball li tħabbar li Dr Gatt kien se jwarrab minn Ministru biex jgħin fil-kampanja elettorali. Meta dan baqa' ma seħħx jew forsi ma setax iseħħ, kompliet

tissaħħaħ l-perċezzjoni li kulħadd kien qed jaħdem għal rasu u li kien hemm nuqqas ta' konsistenza fid-deċiżjonijiet li jittieħdu.

### Is-Sur John Dalli

Matul is-snin li għaddew inbniet il-perċezzjoni li qatt ma kien kemm armonija bejn John Dalli u l-Kap tal-Partit. Ħafna kienu tal-fehma li l-kliem, kitbiet u atteġġjament inġenerali ta' John Dalli partikolarment wara li telaq minn Malta, għamlu ħafna ħsara lill-Partit Nazzjonalista.

### Ministri fuq livell distrettwali

Id-daqs tal-Kabinett tal-Ministri ħoloq sitwazzoni fejn numru ta' distretti kellhom aktar minn Ministru wieħed bil-perċezzjoni tal-piki bejniethom, filwaqt li distretti oħra li f'leġiżlaturi oħra kellhom aktar minn Ministru wieħed, spiċċaw bla Ministru. L-elettorat ta' dawn id-distretti ħassu iżolat mill-Gvern u mhux rappreżentat fl-Eżekuttiv.

### Il-ħruġ ta' informazzjoni

Il-Partit Nazzjonalista bata u għadu qiegħed ibati minn ħruġ ta' informazzjoni li qed tforni lill-*media* indipendenti u wisq aktar lill-avversarji politiċi tal-Partit Nazzjonalista biex ikun hemm kritika ħafna drabi b'mod inġust fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista. B'konsegwenza ta' dan il-Partit Nazzjonalista beda jingħalaq fih innifsu u b'hekk in-nies bdew iħossuhom dejjem anqas parteċipi jew viċin il-Partit Nazzjonalista.

### Membri tal-Partit Nazzjonalista

Ħafna mill-kummenti li rċevejna kienu fis-sens li importanti li f'dawn iċ-ċirkostanzi jinħoloq bilanċ bejn dawk in-nies ta' esperjenza anki familjari fil-politika u dawk in-nies ġodda li jidħlu fil-partit minn barra sabiex jagħtu ideat u *outlooks* ġodda.

### Nuqqas ta' taħriġ għall-kandidati tal-Kunsilli Lokali

Huwa ċar li matul l-aħħar snin naqas sew it-taħriġ għall-kandidati tal-Kunsilli Lokali. Dan wassal biex numru ta' kandidati ħassewhom mitlufin fil-ħidma tagħhom filwaqt li oħrajn li rnexxielhom jiġu eletti ma kinux imħejjija sew għal ħidma li ġew fdati biha mill-elettorat.

### Il-Partit Nazzjonalista beda jitlef l-aħjar nies

Inħass li waħda mill-problemi l-kbar li kellu l-Partit Nazzjonalista matul l-aħħar ħames snin kienet it-telfa tal-aħjar nies fi ħdanu. Ħafna minn dawn in-nies imxew biex jaħdmu fil-Ministeri jew sabu xogħol ieħor li jkunu mħallsin u stmati ferm aħjar.

### Il-Kap tal-Partit

Teżisti l-perċezzjoni li l-impenji, responsabbiltajiet u xogħol kontinwu li kellu Dr Lawrence Gonzi bħala Prim Ministru ma ppermettewlux li jieħu rwol aktar attiv fil-Partit daqskemm kien hemm bżonn. Jista' jkun li dan wassal sabiex ma nħolqotx dik is-sinerġija meħtieġa bejn il-Partit u l-Gvern.

### Il-liġi tal-finanzjament tal-partiti

Il-Partit Nazzjonalista għamel ħażin li deher li qed iżomm lura milli jmexxi 'l quddiem din il-liġi li hija ferm importanti. Fl-istess waqt għandu jingħad li din il-proposta ta' liġi ntużat minn elementi fi ħdan il-Partit Nazzjonalista biex issawwat l-istess Partit.

### Ġbir ta' fondi

Il-Partit Nazzjonalista naqas milli b'mod kontinwu u organizzat idur fuq it-tesserati tiegħu biex jgħinu fil-ġbir ta' fondi b'risq il-ħidma tal-Partit. F'dan is-sens il-Partit Nazzjonalista naqas milli jkompli jaħdem fuq diversi inizjattivi li kellhom l-għan li numru kbir ta' persuni jagħtu għotjiet żgħar b'risq il-Partit fuq bażi regolari.

### Perċezzjoni ta' esklużjoni

Matul dawn l-aħħar ħames snin inħass li l-Partit Nazzjonalista ttraskura l-għeruq tiegħu u ma tax biżżejjed attenzjoni għall-għodod il-ġodda ta' kif jista' jikkomunika mal-elettorat. Ħafna membri tal-Partit Nazzjonalista, partikolarment dawk ta' età avvanzata, ħassew li qed jiġu injorati. Dawn l-istess persuni ħassew li d-Dar Ċentrali ma baqgħetx aktar id-dar naturali tagħhom. L-istess sentiment beda jinħass ukoll minn uħud mill-membri tas-Soċjetà Ċivili li fis-snin ta' qabel kienu jħossuhom viċin ħafna tal-Partit Nazzjonalista.

### L-ambjent tad-Dar Ċentrali

Wara l-bini mill-ġdid tad-Dar Ċentrali ħafna membri tal-Partit Nazzjonalisti ma baqgħux iħossuhom li għandhom sehem mill-bini. Għalihom id-Dar Ċentrali kienet saret ċentru sabiħ, b'faċilitajiet *state of the art*, iżda vojta minn ġewwa f'termini ta' nies u ħidma politika mal-għeruq tal-Partit.

### Nazzjonalisti magħrufa li telqu mill-Partit

Matul is-snin li għaddew il-Partit Nazzjonalista tilef ħafna membri attivi u simpatizzanti tiegħu li għal xi raġuni jew oħra għażlu li jibdew jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Partit Laburista. Dawn l-istess persuni għażlu li jistqarru ruħhom favur Joseph Muscat. Jidher ċar li dawn il-persuni ħassewhom imweġġgħin bid-deċiżjonijet li kienu qegħdin jittieħdu u ħassew li l-Partit Nazzjonalista la kien qiegħed jagħti kashom u wisq anqas jirrispettahom.

### Nies li twarrbu

Kienu bosta dawk il-persuni li kienu attivi ħafna fil-Partit Nazzjonalista u li twarrbu f'numru ta' każi saħansitra saret diskriminazzjoni kontrihom. Dawn in-nies ħassew li saret inġustizzja magħhom u li ħadd ma ried jismagħhom.

### Is-servizz ta' *Customer Care* tal-Partit Nazzjonalista

Għal numru ta' snin il-Gvern Nazzjonalista beda jidher bħala nieqes minn wiċċ uman. Ħafna Nazzjonalisti kienu qatgħu qalbhom li jinqdew u saħanistra waqfu jistaqsu jew jilmentaw. Deher ukoll ċar li s-servizz ta' *Customer Care* tal-Partit kien qed ifalli fil-ħidma

tiegħu u dan l-aktar għax ma kellux biżżejjed riżorsi umani. Fil-parti l-kbira tal-każ is-servizz ma kellux is-saħħa li kellu bżonn mal-Ministeri biex ikun jista' jsolvi l-każ li kienu jidhru quddiemu. Dan kollu għamel ħafna ħsara għaliex il-Partit Nazzjonalista deher dgħajjef ħafna.

### Il-Każini tal-Partit Nazzjonalista

Jidher li ma kienx hemm ħafna li dehrilhom li d-deċiżjoni li l-każini jinbidlu f'uffiċċji kienet deċiżjoni tajba. Apparti minn dan, jidher li kienet ittieħdet deċiżjoni mill-amministrazzjoni ċentrali li konferenzi ma jibqgħux isiru fil-każini tal-Partit kull nhar ta' Ħadd mid-Deputati tad-distrett. Dawn ma tqisux bħala deċiżjonijiet tajbin.

### Il-ħidma tal-Kumitati Sezzjonali

Ħafna membri tal-Kumitati Sezzjonali ħassew li ma kienx għad hemm relazzjoni tajba bejn il-Kumitati Sezzjonali u l-Amministrazzjoni ċentrali tal-Partit. Inħass in-nuqqas ta' kuntatt tant meħtieġ f'partit politiku li suppost huwa organizzat f'kull lokalità. Ħafna kienu dawk il-Kumitati Sezzjonali li ħassew li l-proposti li ressqu ma kinux qed jiġu kkunsidrati bis-serjetà.

### Il-*block-voting* fl-għażla tal-Kumitati Sezzjonali

Id-diversi drabi li sar *block-voting* fl-għażla tal-Kumitati Sezzjonali biex Deputati jew Kandidati jiżguraw li n-nies tagħhom ikunu fit-tmexxija ta' Kumitat partikolari, ħallew effett negattiv fuq ir-rwol tal-Kumitati Sezzjonali. Ħafna tesserati li kienu membri tal-Kumitati Sezzjonali qatgħu qalbhom li jiġu eletti u għalhekk spiċċaw tbiegħdu mill-Partit.

### It-tesserati tal-Partit Nazzjonalista

Dawk li għal xi raġuni jew oħra ma baqgħux tesserati tal-Partit Nazzjonalista ħassew li ma kienx sar sforz biżżejjed biex jiġu konvinti jerġgħu lura fil-Partit. Jidher li ma kien hemm l-ebda sistema biex nies bħala dawn isir kuntatt magħhom.

### Il-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista

Il-Moviment Żgħażagħ tal-Partit Nazzjonalista ħass li l-ħeġġa, l-isforzi u l-entużjażmu kollu li kellhom dawn iż-żgħażagħ sfumaw fix-xejn għax beda jinħass li ma kinux qegħdin jiġu kkonsultati biżżejjed. Uħud mill-membri ħassew li l-ideat tagħhom għall-kampanja elettorali kienu qegħdin jiġu injorati.

### Il-Fergħat u l-Kulleġġ tal-Partit

Membri ta' dawn il-fergħat inkluż l-MNPN, is-SĦPN, is-SIŻM u l-Kulleġġ ħassew li l-ewwel ġew imħeġġa joħorġu b'ideat ġodda u mbagħad ġew imwarrba mill-Partit. Ħafna membri ħassew ukoll li ma kinux qed jingħataw spazju biżżejjed fl-organi tal-Partit fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Urew ix-xewqa li jipparteċipaw aktar fid-diskussjonijiet fl-Amministrattiv.

### Il-Kunsilliera Lokali

Matul l-aħħar snin il-Kunsilliera Lokali (tal-Kunsilli Lokali) ħassewhom xi ftit jew wisq waħedhom u li ħadd ma kien qed jinteressa ruħu fil-ħidma tagħhom fuq bażi lokali. Il-

Kandidati ma kinux qed ikunu ppreparati tajjeb u ma kienx qed isir moniteraġġ tal-ħidma tagħhom.

### L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Ir-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew kien messaġġ ċar lill-Partit Nazzjonalista. Minkejja dan kollu, inħass li l-Partit Nazzjonalista ma ħadimx biżżejjed biex jirbaħ lura l-appoġġ u naqas milli jaħdem bis-sħiħ biex jirranġa dawk l-*issues* li dwarhom l-elettorat kien ivvota kontra l-Partit Nazzjonalista jew inkella għażel li ma jivvutax. Jidher li madankollu dan ġie fi żmien meta l-kontrokurrent tan-nuqqas ta' qbil intern kompla jikber b'detriment qawwi għall-organizzazzjoni tal-Partit li ttellef lill-Partit fil-Gvern milli jindirizza dak li kien qed ifittex l-elettorat.

### NET Television

Il-Partit Nazzjonalista bata minhabba l-fatt li ħafna preżentaturi ta' NET Television ma kinux baqgħu fuq l-istazzjon iżda marru fuq stazzjonijiet oħra, inkluż il-PBS. Minħabba f'hekk kienu ħafna li ħassew li l-*media* tal-Partit Nazzjonalista batitet, bil-programmi inaqqsu mill-kwalità. Inħass li s-servizzi tal-aħbarijiet fittxew wisq li jikkritikaw lill-Partit Laburista, minflok ma ffukaw aktar li jippromwovu l-politika u r-riżultati miksuba mill-Partit Nazzjonalista fil-Gvern.

### Il-*media* stampata Nazzjonalista

Il-media stampata tal-Partit Nazzjonalista kienet ghal numru ta' Nazzjonlisti li kitbulna wahda li ma lahqitx l-aspettattivi taghhom partikolarment ghaz-zminijiet tal-lum.

### Il-ħaddiema fil-media tal-PN

Mill-indaġni li għamlet il-Kummissjoni, jidher li kien hemm sens ta' dimotivazzjoni fost uħud mill-ħaddiema tal-*media* tal- Partit Nazzjonalista li ħassew li ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti.

### Il-*bloggers* ta' simpatija Nazzjonalista

Kien hemm min qalilna li l-Partit Nazzjonalista spiċċa weħel b'dak kollu li persuni li jissimpatizzaw miegħu kienu qegħdin jiktbu fil-*blogs* tagħhom. Ħafna oħrajn esprimew il-veduta li mnalla kien hemm dawn il-*bloggers* għaliex dawn kienu qed jagħmlu dak li suppost kien qed jagħmel il-Partit. Iżda ħafna ħassew li l-Partit Nazzjonalista messu fittex li b'mod ripetut jiddiżassoċja ruħu minn dawn il-*blogs* meta dawn kienu jinkludu kummenti ta' natura personali.

### Il-Partit Nazzjonalista fis-*social media*

Il-Partit Nazzjonalista dam biex daħal fid-dinja tas-*social media* b'mod organizzat. Ħafna ħassew li għal ħafna mill-ħames snin il-Partit Nazzjonalista ma għamel xejn jew ftit li xejn biex juża s-*social media* b'mod intelliġenti.

### Kabinett żgħir

L-għażla li jkun hemm Kabinett żgħir kienet ta' żvantaġġ għall-Partit Nazzjonalista kemm fuq livell politiku kif ukoll fuq livell organizzattiv. Din l-għażla ġabet inkwiet lill-istess Partit u n-nies fil-Ministeri ma setgħux ilaħħqu mal-bżonnijiet tan-nies.

### In-nuqqas ta' għaqda fil-Partit Nazzjonalista

Dawk li ma sarux Ministri wara l-elezzjoni tal-2008 ħassew li r-rebħa li kien għamel il-Partit Nazzjonalista kienet inutli għalihom. Kien għalhekk li wħud minnhom kellhom atteġġjament negattiv li spiċċa għamel ħsara lill-Gvern u lill-Partit tagħhom stess. Minħabba f'hekk il-Partit Nazzjonalista ma baqax jidher bħala forza politika magħquda u għalhekk kien se jkun diffiċli għalih li jiggverna b'mod seren.

### Deċiżjoni dwar Elezzjoni qabel żmienha

Ħafna ħassew li l-Prim Ministru seta' wera nuqqas ta' tmexxija b'saħħitha bil-mod kif kien mexa mad-Deputati ribelli. Minħabba f'hekk ħafna ħassew li meta s-sitwazzjoni kienet serja ħafna l-Prim Ministru kellu jeżerċita l-prerogattiva tiegħu u jsejjaħ elezzjoni qabel żmienha. Ironikament kulħadd irrikonoxxa li hu kien qed jiffaċċja diffikultajiet kbar u kienet sitwazzjoni ta', kif jgħidu l-Ingliżi "*damned if you do and damned if you don't*".

### Il-fattur Joseph Muscat

Il-Partit Nazzjonalista ssottovaluta l-personalità ta' Joseph Muscat bħala Mexxej tal-Partit Laburista u l-bidliet li huwa kien qed jagħmel fl-istess Partit Laburista.

### In-Nofsinhar ta' Malta

Il-Partit Nazzjonalista ma ddedikax biżżejjed enerġija fuq in-Nofsinhar ta' Malta. Inbniet ukoll il-perċezzjoni li l-Gvern kien iktar interessat li jinvesti f'partijiet oħra tal-pajjiż. Dan wassal ukoll biex dawk li jappoġġjaw lill-Partit Nazzjonalista fin-Nofsinhar ta' Malta jibdew iħossuhom tat-tieni klassi u mhux mogħtija l-importanza li jixirqilhom.

### Għawdex

Il-maġġoranza l-kbira tar-rappreżentanti tal-Kumitati Sezzjonali f'Għawdex ma kienux sodisfatti bil-livell tal-komunikazzjoni bejnhom u bejn l-amministrazzjoni ċentrali.

### Il-kaċċa u l-insib

Il-kwistjoni tal-kaċċa u l-insib ma kinetx biss *mishandled* mill-Gvern Nazzjonalista, iżda anke mill-Partit Nazzjonalista. Inħolqot il-perċezzjoni li l-Partit Nazzjonalista kien qata' qalbu dwar il-kaċċa u l-insib u saħansitra kien qed ikompli jitfa' l-melħ fuq il-ferità. F'dan is-sens il-Partit Nazzjonalista kien spiċċa mingħajr ir-rwol ta' intermedjarju bejn il-kaċċaturi u n-nassaba u l-Gvern.

# Il-kampanja elettorali tal-Partit Nazzjonalista

## Il-kampanja elettorali

Il-Partit Nazzjonalista deher li kien maqbud f'*inertia* u li kien hemm nuqqas ta' koordinament, serjetà u impenn fl-organizzazzjoni tal-kampanja elettorali. Kien qiegħed jinħass ukoll li l-Partit Nazzjonalista ma kienx qed jemmen li l-Partit Laburista se jkollu kampanja tajba u għalhekk ferm differenti minn dawk ta' elezzjonijiet preċedenti.

## Kampanja negattiva

L-elettorat ħass li l-kampanja tal-Partit Nazzjonalista kienet wisq negattiva u kien hemm ħafna li staqsew għaliex il-Partit Nazzjonalista ma kienx qed jiffoka aktar fuq it-tajjeb kollu li sar matul l-aħħar ħames snin. Dan kollu wassal biex il-Partit Nazzjonalista ta l-impressjoni li ma kellux biżżejjed riżultati pożittivi xi jpoġġi quddiem l-elettorat.

## Il-Programm Elettorali

Waqt li l-Programm Elettorali tal-Partit Nazzjonalista ġie meqjus minn ħafna bħala wieħed tajjeb kienet biss parti żgħira mill-elettorat li qrat u tkellmet dwaru. Il-Partit Nazzjonalista m'għamilx biżżejjed sforz biex jispjega l-Programm Elettorali tiegħu u minflok ħafna drabi spiċċa ffoka aktar fuq il-kampanja negattiva.

## Xejriet ġodda fost il-votanti

Il-Partit Nazzjonalista deher li ma kkunsidrax biżżejjed il-bidliet li l-elettorat kien għadda minnhom. Għalhekk kien hemm il-perċezzjoni li meta jiġu għall-vot in-Nazzjonalisti tradizzjonali kienu se jinsew il-weġgħat tagħhom u jerġgħu jivvutaw għall-Partit Nazzjonalista. Fost l-elettorat żagħżugħ u ġdid il-Partit Laburista rnexxielu jwassal messaġġ pożittiv u għalhekk għalihom kienet saret *cool* li tivvota lill-Partit Laburista.

## Mood anti-establishment

Il-Partit Nazzjonalista deher bħala partit li qiegħed jagħmel il-ħajja taċ-ċittadin dejjem aktar diffiċli u għalhekk fost l-elettorat żviluppat *mood anti-establishment*.

## Il-ħidma tal-ELCOM

Teżisti perċezzjoni li l-Partit Nazzjonalista ma kellux biżżejjed riżorsi umani għal matul il-kampanja elettorali fejn tidħol il-ħidma tal-ELCOM. Deher ċar li kien hemm nuqqas ta' ippjanar u taħriġ għal dawk kollha involuti fil-ħidma tant importanti li hija fdata lill-ELCOM.

## Il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista ġie akkużat ukoll li ma kellux ħafna kandidati ta' statura għolja u magħrufa f'din l-elezzjoni. Ħafna qalu li għalhekk il-lista tal-kandidati tal-Partit ma kinitx b'saħħitha biżżejjed u għalhekk l-elettorat beda jħoss li l-Partit Laburista joffri għażla aħjar.

### L-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali

Il-Partit Nazzjonalista kien iffukat b'mod sħiħ fuq l-elezzjoni ġenerali u kważi injora għalkollox l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. F'dan ir-rigward il-Partit Nazzjonalista m'għamilx sforzi biżżejjed biex isib kandidati tajbin f'kull lokalità.

### Il-qagħda finanzjarja tal-Partit Nazzjonalista

Matul il-kampanja elettorali deher ċar in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji li kellu l-Partit Nazzjonalista b'mod partikolari meta mqabbla mal-ħafna li kien jonfoq il-Partit Laburista f'kampanja sofistikata u sinjura.

### L-ekonomija tal-pajjiż

Waqt li fil-kampanja l-Partit Nazzjonalista tkellem fuq andament pożittiv tal-ekonomija bħala biss ħolqien ta' postijiet ġodda tax-xogħol, inħass li l-Partit Nazzjonalista naqas milli jispjega b'lingwaġġ aktar sempliċi kif l-elettorat kien qed jintlaqat b'mod dirett u indirett mill-ġid ekonomiku li kien inħoloq.

### Il-preżenza tad-Deputati fid-Distretti

Inħass li matul il-ħames snin tal-leġiżlatura l-preżenza tad-Deputati fid-Distretti kienet waħda limitata ħafna. Kien hemm min ilmenta li xi deputati anki matul il-kampanja elettorali baqghu neqsin. Għalhekk kienu ħafna dawk li gergru meta d-Deputati bdew jidhru aktar waqt il-kampanja elettorali.

### Żjajjar bieb, bieb

Matul il-ħames snin tal-leġiżlatura kienu ftit wisq dawk il-Ministri, Deputati u Kandidati li għamlu żjajjar bieb, bieb. Dan wassal biex in-nies ħassewhom abbandunati għal kollox jew saħansitra użati biss meta tasal l-elezzjoni ġenerali.

### Kampanja li ma involvietx biżżejjed lis-Soċjetà Ċivili

Matul il-kampanja elettorali l-Partit Nazzjonalista ma involviex biżżejjed lis-Soċjetà Ċivili bil-konsegwenza li ħafna korpi kostitwiti u għaqdiet mhux governattivi ħassewhom aktar milqugħin u stmati mill-Partit Laburista.

### Il-Fergħat u l-Kulleġġi fi ħdan il-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista ma tax każ biżżejjed tal-proposti li għamlu l-Fergħat u l-Kulleġġi fi ħdan il-Partit Nazzjonalista, partikolarment l-MŻPN, l-MNPN, l-SĦPN u s-SIŻM.

### Il-*media* indipendenti

Il-Partit Nazzjonalista m'għamilx sforz biżżejjed biex jikkonvinċi lill-*media* indipendenti tapprezza u twassal fil-mezzi tagħha r-riżultati miksuba matul l-aħħar leġiżlatura mill-Gvern Nazzjonalista u b'mod partikolari mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi.

### Il-PBS u Media.link Communications

Il-perċezzjoni kienet li ħafna programmi fuq il-PBS kienu favur il-Gvern u dan ma' għamilx ġid lill-Partit Nazzjonalista. Fl-istess ħin, l-impjegati tal-*media* tal-Partit Nazzjonalista urew dedikazzjoni.

### L-internet, is-*social media* u mychoice.pn

Il-Partit Nazzjonalista seta' għamel użu aħjar mill-għodda tal-internet u s-*social media* billi fost oħrajn ifittex li jibda l-ħidma matul il-ħames snin u mhux fl-aħħar ftit xhur qabel tibda l-kampanja elettorali. Waqt li l-ħolqien tal-paġna mychoice.pn kienet success, din kellha tkun ukoll mezz ta' komunikazzjoni tal-Partit man-nies u mhux biss biex wieħed jibgħat email mingħajr ma jirċievi tweġiba.

### *Branding*

Il-Partit Nazzjonalista naqas milli joħloq *brand* professjonali filwaqt li s-*slogan* 'Xogħol, Saħħa u Edukazzjoni' deher fqir wisq.

### Il-*media* fil-kampanja tal-Kunsilli Lokali

Diversi nies ħassew li anki l-kampanja tal-Kunsilli Lokali kienet waħda batuta u mhux fuq il-livelli tas-snin l-imgħoddija.

### Kandidati diżappuntati bil-mod kif imxiet magħhom il-*media* tal-Partit

Numru ta' Kandidati ħassew li ma ngħatawx l-opportunità daqs Kandidati oħrajn biex iwasslu l-messaġġ tagħhom fuq il-*media* tal-Partit.

### Il-*billboards* tal-Partit Nazzjonalista

Il-*billboards* tal-Partit Nazzjonalista dehru fqar u negattivi.  L-elettorat kien qed jistenna li l-Partit Nazzjonalista juża l-*billboards* tiegħu biex jippromwovi l-ġid li għamel il-Gvern Nazzjonalista matul l-aħħar ħames snin u mhux bħala għodda biex jikkritika l-Partit Laburista.

### Nuqqas ta' *feedback* mill-amministrazzjoni tal-Partit

Kien hemm nuqqas kważi konsistenti ta' *feedback* min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista għal rapporti u informazzjoni li kienet qed titwassal minn numru ta' voluntiera. B'konsegwenza ta' hekk naqas l-interess u ħafna bdew jaqtgħu qalbhom.

### Għajnuna ta' voluntiera fil-kampanja

Il-Partit Nazzjonalista ma tax kas tad-diversi offerti ta' għajnuna li saru minn numru ta' persuni minn *backgrounds* differenti bħas-saħħa, *media*, edukazzjoni, biex jgħinu f'diversi oqsma tal-kampanja. Dawn il-persuni ħassewhom imwarrbin u mhux fdati mill-Partit Nazzjonalista.

## Għajnuna minn membri veterani fil-Partit Nazzjonalista

Diversi voluntiera veterani ħassew li ma kinux għadhom apprezzati u ma kellhomx rwol fil-kampanja. Il-Partit Nazzjonalista ma ħoloqx mezzi kif ikunu aktar involuti dawk il-membri veterani tiegħu li joffru li jkunu voluntiera matul il-kampanja elettorali. Dan jgħodd ukoll għad-deċiżjoni li persuni veterani m'għandhomx jitħallew jirrappreżentaw lill-Partit Nazzjonalista fis-sala tal-għadd tal-voti minkejja l-esperjenza kbira li kellhom.

IT-TIENI TAQSIMA

# Għaliex rebaħ il-Partit Laburista?

## Ir-riżenja ta' Dr Alfred Sant

Ir-riżenja ta' Alfred Sant minn Mexxej tal-Partit Laburista għamlitha aktar faċli għall-Partit Laburista li jirbaħ l-Elezzjoni Ġenerali. Kienu bosta dawk il-persuni li stqarrew li l-fattur Alfred Sant kien l-uniku fattur li żammhom milli jivvutaw għall-Partit Laburista fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2008. Fil-fatt il-Partit Laburista għamel kampanja sħiħa biex inessi t-tnejn u għoxrin xahar li Alfred Sant dam Prim Ministru bejn l-1996 u l-1998. Għall-Partit Laburista dak il-perjodu ma kienx jeżisti.

## Il-Partit Laburista

Kif ġie elett Mexxej tal-Partit Laburista, Joseph Muscat għamel minn kollox biex jirranġa l-ġlied intern li kien hemm fi ħdan il-partit tiegħu. Muscat ġab lura lil dawk li tradizzjonalment kienu Mintoffjani. Imbagħad kompla billi fetaħ il-Partit għal dawk li soċjalment u mentalment kienu dijametrikament opposti għall-Mintoffjani.

## Il-ħolqien ta' "moviment ġdid"

Joseph Muscat ħadem biex bena partit ġdid li ma kienx marbut ma' xi kredu politiku partikolari iżda li jiġbor fih ideat differenti. Muscat beda jsejjaħ lill-Partit tiegħu bħala moviment u adotta stil aktar bħall-Partit Nazzjonalista.

## Il-mewt ta' Dom Mintoff

Il-mewt ta' Dom Mintoff kompliet għenet lil Joseph Muscat. Din eliminatlu problema ta' kunflitt bejn l-istil anti-Mintoffjan li kellu jadotta sabiex jidher isbaħ ma' dik is-sezzjoni tal-elettorat li ma kienet tapprova xejn l-istil Mintoffjan, u l-ħtieġa li jġib warajh lil dawk il-Mintoffjani li baqgħu maqtugħa minnu wara l-ġlieda bejn Alfred Sant u Dom Mintoff. Il-mewt ta' Mintoff għenet ħafna biex Muscat seta' jagħmel dawk l-eloġji kollha lil Mintoff waqt li fl-istess ħin jagħmel dik il-bidla radikali li kellu bżonn fi ħdan il-Partit Laburista.

## L-arma l-ġdida tal-Partit Laburista

Waqt li minn barra ċertu tibdil bħal dak tal-arma seta' deher superfluwu, dan għen biex il-Partit Laburista jbiddel il-perċezzjoni li kellhom il-*floating voters* u xi Nazzjonalisti dwar il-Partit Laburista u bil-mod jibda jiġbidhom lejh.

## Muscat politikament protett

Dr Muscat qagħad dejjem attent li ma jidħolx hu direttament fil-polemika politika imma ħalla li l-ġlieda politika tkun magħmula minn oħrajn.

### Partit Laburista organizzat

Joseph Muscat organizza mill-ġdid lill-Partit Laburista u dan għamlu bis-saħħa ta' riformi mill-qiegħ. Muscat ħa ħsieb ineħħi minn miegħu dawk li kienu meqjusa bħala militanti fil-Partit Laburista.

### Attakk fuq l-immaġni ta' Lawrence Gonzi

Matul il-ħames snin li għaddew il-Partit Laburista għamel kampanja intensiva ta' *character assassination* fuq l-immaġni ta' Dr Lawrence Gonzi. Il-Partit Laburista għamel minn kollox biex juri lil Lawrence Gonzi bħala dittatur waqt li ġiet mibnija l-illużjoni li Joseph Muscat kien dak li qed jiddefendi id-drittijiet taż-żgħir.

### L-għajta tal-meritokrazija

Il-Partit Laburista rnexxielu joħloq *issue* bl-għajta għall-meritokrazija. L-ironija f'din hi li ħafna Nazzjonalisti kkritikaw lill-Gvern għax in-nies fi ħdan il-Ministeri, Dipartimenti u Awtoritajiet tal-Gvern li kienu jikkmandaw kienu persuni b'tendenzi Laburisti. L-aktar eżempju ċar ta' kemm Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista kien ippreparat li jneħħi l-impressjoni li hu ma kienx Gvern meritokratiku kien proprju meta ħatar bħala President tar-Repubblika ta' Malta lil Dr George Abela, eksDeputat Mexxej tal-Partit Laburista.

### Il-poplu ried bidla

Minkejja li l-ekonomija ta' pajjiżna kienet sejra tajjeb, il-poplu ried bidla u l-Partit Laburista rikeb fuq din ix-xewqa u għamilha parti mill-kampanja tiegħu.

### *Safe* għall-*business*

Il-Partit Laburista rnexxielu jwassal il-messaġġ li huwa *safe* għall-*business* lil dawk kollha li normalment huma assoċjati mal-Partit Nazzjonalista. Joseph Muscat irnexxielu jiġbed lejh lil dawk il-persuni kollha fin-negozju li kienu mxebbgħin mill-mod kif kienu ġew ittrattati mill-Gvern u mill-Partit Nazzjonalista.

### Il-politika ekonomika tal-Gvern

Il-Partit Laburista ma tkellimx kontra l-politika ekonomika tal-Gvern Nazzjonalista għax kien jaf li hija waħda li għamlet suċċess. Minflok il-Partit Laburista wera li jaqbel magħha u rnexxielu jikkonvinċi lill-elettorat li hu se jtejjibha. Fuq kollox, il-Partit Laburista għeleb il-perċezzjoni li l-Partit Laburista ma kienx kapaċi jħaddan politika ekonomika li twassal għal riżultati pożittivi.

### Qbil mal-*Budget*

L-għażla tal-Partit Laburista li jiddikjara ruħu favur il-*Budget* kif propost mill-Gvern Nazzjonalista tat vantaġġ kbir lill-istess Partit Laburista. Joseph Muscat kien jaf li l-Gvern Nazzjonalista ma setax mexa aħjar ekonomikament f'dawn l-aħħar ħames snin u għalhekk kien importanti li l-*policies* li tant ħadmu jibqgħu jitħaddmu. Għalhekk meta l-Partit Laburista ddikjara li kien se jżomm l-istess Budget minkejja li kien ivvota kontra

tiegħu, dan fisser serħan tal-moħħ u kkonvinċa lil ħafna nies jivvutaw għall-Partit Laburista.

### Ir-riżorsi finanzjarji għall-kampanja elettorali

Il-kampanja elettorali swiet ħafna flus lill-Partit Laburista. Deher biċ-ċar li l-Partit Laburista kellu għajnuna professjonali minn barra l-istrutturi tal-Partit. Il-Partit Nazzjonalista ma seta' qatt kellu l-istess riżorsi finanzjarji bħalma kellu l-Partit Laburista. Fuq kollox, il-Partit Nazzjonalista ssottovaluta l-preparazzjoni professjonali u r-riżorsi finanzjarji li kellu l-Partit Laburista għall-kampanja elettorali.

### Id-divorzju u l-Partit Laburista

Il-Partit Laburista kien għaqli ħafna waqt il-kampanja tad-divorzju meta ma ħax pożizzjoni uffiċjali favur jew kontra bħalma għamel il-Partit Nazzjonalista. Bejn il-Partit Nazzjonalista li ħareġ qabel b'dikjarazzjonijiet kontra d-divorzju u bejn il-Partit Laburista li ma qal xejn, il-partit rebbieħ mal-elettorat b'mod ġenerali kien il-Partit Laburista għax ħafna votanti li kienu tradizzjonalment Nazzjonalisti ma ħarġux jivvutaw.

### LGBT

Il-ħolqien tal-grupp LGBT fi ħdan il-Partit Laburista kien l-ewwel messaġġ li l-Partit Laburista kien qed ikun miftuħ għal kulħadd.

### Is-suċċess tal-Presidenza Abela

Is-suċċess tal-President Abela għamel lill-Partit Laburista ma jibqax jidher bħala mostru politiku u għen biex tinbidel b'mod mgħaġġel l-immaġni tal-Partit Laburista.

### L-i*star candidates*

Il-Partit Laburista introduċa b'suċċess il-kunċett ta' *star candidates* li minkejja li kien wieħed problematiku, ġab preżenza ta' persuni li ġew mill-kamp Nazzjonalista u li għandhom profil mal-elettorat.

### Il-kandidati tal-Kunsilli Lokali

F'dan il-qasam il-Partit Laburista wera għaqal u rnexxielu jpoġġi nies li għandhom potenzjal u personalità. Fil-każ tan-nisa, ħafna nnutaw li l-Partit Laburista għamel sforz kbir biex isib kandidati attraenti.

### Iż-żgħażagħ

Għaż-żgħażagħ il-Partit Laburista deher kollu ġdid, anzi ma kien hemm xejn minn xiex wieħed jistħi li jkun mal-Partit Laburista. Dan ħoloq *feeling* tajjeb fost iż-żgħażagħ filwaqt li numru ta' żgħażagħ bdew jistħu jgħidu li jappoġġjaw lill-Partit Nazzjonalista. Matul dawn l-aħħar ħames snin il-Partit Laburista ġera wara ż-żgħażagħ u offrielhom l-ispazju sabiex jipparteċipaw fil-ħidma sħiħa tal-Partit. Il-Partit Nazzjonalista naqas milli jagħmel dan.

## Mudell ta' kampanja Presidenzjali

Joseph Muscat uza l-istess stil u strateġija li jintużaw f'kampanji presidenzjali bħal li kienet intużat fl-Amerika u fi Franza, li appellat għal sezzjoni tal-elettorat għaliex kienet bi stil differenti għal kollox mill-Partit Laburista tal-antik.

## Il-kampanja tal-Partit Laburista

Il-Partit Laburista beda l-kampanja tiegħu hekk kif bdiet tidher l-instabbiltà fil-Gvern u għall-bidu ffoka fuq kampanja negattiva. Madankollu meta bdiet il-kampanja uffiċjali l-Partit Laburista qaleb għal kampanja pożittiva b'messaġġi ċari.

## Kif qassam il-kampanja elettorali

Il-kampanja tal-Partit Laburista kienet ibbażata fuq it-traħħis tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-każ dwar l-importazzjoni taż-żejt u l-fatt li l-Partit Laburista kien qed ikun pożittiv minkejja li kien għamel ħames snin sħaħ ikun mill-aktar negattiv.

## Is-*slogan* elettorali

L-għajta "Malta tagħna lkoll" saret ħolma kollettiva li għenet biex l-elettorat joħlom b'futur aħjar.

## Ton ta' għaqda

Il-kampanja tal-Partit Laburista kienet ikkaratterizzata minn kliem ta' għaqda u messaġġi sbieħ li jsejħu għall-għaqda nazzjonali. Il-kampanja tal-Partit Nazzjonalista bagħtet messaġġi opposti li saħħet ir-rettorika ta' "aħna u huma".

## Il-Partit Laburista ammetta l-iżbalji tal-passat

Il-Partit Laburista u b'mod partikolari Joseph Muscat ma ddejjaq xejn jammetti l-iżbalji tal-passat magħmula mill-Partit Laburista stess. Dan wassal biex il-messaġġ tal-Partit Laburista li wasal iż-żmien għal bidla ġie emmnut dejjem aktar mill-elettorat.

## Il-media

Il-Partit Laburista rnexxielu jibni kampanja medjatika li mxiet bħal arloġġ mal-istrateġija tal-kampanja elettorali tiegħu. Il-Partit Laburista wera mhux biss li l-kampanja medjatika tiegħu kienet organizzata tajjeb iżda wkoll li kienet qed titmexxa b'mod professjonali filwaqt li l-*media* tal-Partit Nazzjonalista baqgħet tidher negattiva.

## Is-social media

Il-Partit Laburista għamel użu kbir minn reklami *online* b'mod partikolari fuq Facebook, Twitter, Google, YouTube u ħafna siti oħra. Il-Partit Laburista seta' jagħmel dan għax kellu ħafna aktar riżorsi finanzjarji milli kellu l-Partit Nazzjonalista.

### Il-komunità artistika

Matul l-aħħar snin il-Partit Laburista rnexxielu jiġbed lejh gruppi ta' nies differenti mill-qasam tal-arti. Dawn għenu lill-Partit Laburista jagħmel kampanja, kemm mill-aspett teatrali u anki viżiv li tappella għal sezzjonijiet partikolari tal-popolazzjoni Maltija.

### Ix-*Shadow Ministers* tal-Partit Laburista

Il-fatt li kull Deputat Laburista ngħata settur li kien responsabbli għalih ġab miegħu dak li jista' jiġi deskritt bħala "*a sense of engagement and inclusivity*". Dan wassal biex għall-inqas matul il-perjodu fl-Oppożizzjoni, il-Mexxej Laburista seta' jżomm aktar kontroll fuq id-Deputati tiegħu fil-Parlament.

### Bsaten fir-roti u qadi lin-nies

Il-Partit Laburista rnexxielu jħaddem ċertu kontroll fuq id-Dipartimenti u l-Awtoritajiet tal-Gvern. Dan ta lok biex seta' jsir sabutaġġ fil-ħidma tal-Gvern. Fl-istess waqt il-Partit Laburista rnexxielu joħloq dak li jista' jkun deskritt bħala servizz tajjeb ħafna ta' *customer care* b'*database* aġġornata dwar it-talbiet u l-weġgħat tal-elettorat. Il-Partit Laburista uża in-*network* li kellu fid-Dipartimenti u l-Awtoritajiet tal-Gvern biex jaqdi lill-partitarji tiegħu kif ukoll lil dawk in-Nazzjonalisti li ma setgħux jinqdew miċ-Ċivil.

### L-immigranti illegali

Peress li l-Partit Laburista ma kienx mgħobbi bil-piż tat-tmexxijja, l-*issue* ta' immigranti illegali ma effettwatux. Il-Partit Laborista baqa' gallarija dwar din il-kwistjoni sabiex ma jinqasamx fi ħdanu dwarha. Fl-istess waqt bena relazzjonijiet b'saħħithom mal-komunità Musulmana għaliex din hija l-aktar waħda importanti f'termini ta' voti, mhux abbażi ta' razza iżda abbażi ta' twemmin. Dan saħħaħ perċezzjoni li l-Partit Laburista qed jibni rapporti multikulturali.

### Ir-reġim ta' Gaddafi

Il-Partit Laburista ma kienx milqut b'mod negattiv jew ikkastigat mill-elettorat talli dam biex ħa pożizzjoni dwar ir-reġim tal-mexxej Libjan Gaddafi. Il-fatt li l-elezzjoni saret ħafna wara r-rivoluzzjoni fil-Libja għen biex ma jkun hemm l-ebda effett negattiv li l-pożizzjoni Laburista seta' kellha fuq l-elettorat.

### Ambjent politiku ġdid

Joseph Mucat irnexxielu jwarrab lil ċerti nies minn madwaru mingħajr ma jagħmel ħsara lill-Partit jew lit-tmexxija tiegħu. L-elettorat ħass li Joseph Muscat kien qed jimxi tajjeb u t-tmexxija tiegħu ma kinitx qed toħloq problemi żejda.

### Il-każ ta' Anġlu Farrugia

Huwa ċar li l-Partit Laburista jew aħjar Joseph Muscat neħħa lil Anġlu Farrugia ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni ġenerali għaliex kien fatt magħruf li Anġlu Farrugia kien se jkun għodda tajba għall-Partit Nazzjonalista waqt il-ġimgħat tal-kampanja elettorali. Minkejja r-reazzjoni ta' Anġlu Farrugia għall-mod kif tkeċċa, Joseph Muscat ħadem b'mod li jżomm

'il bogħod milli jkabbar il-ferita ma' Anglu Farrugia. F'għajnejn l-elettorat Joseph Muscat deher li qed jipprova  jinnewtralizza s-sitwazzjoni li nħolqot fir-rigward ta' Anġlu Farrugia.

## L-istorja tal-blokka silġ

Minkejja s-serjetà tal-akkuża kontra l-Partit Laburista, l-istorja tal-blokka silġ ma jidhirx li ħalliet effett fuq l-elettorat.

## Networks ġodda

Joseph Muscat irnexxielu jibni *networks* ġodda ma' nies li kienu magħrufin għall-ħidma politika tagħhom fil-Partit Nazzjonalista jew li kien magħruf li għandhom tendenza jivvutaw għall-Partit Nazzjonalista. Dan għamlu billi avviċinahom u wera li qiegħed jisimagħhom biex b'hekk dawn in-nies bdew iħossu li Muscat kien qiegħed jagħti kashom iktar minn kemm fil-fatt kien qiegħed jagħti kashom il-Partit Nazzjonalista.

## Ir-raba' sular

Minn informazzjoni li gbarna jidher li f'dan is-sular kellek setturi differenti ta' nies attivi fosthom nies mill-qasam tal-*business*.  F'dan is-sular ġie kkreat mill-ġdid l-ambjent li qabel kien hemm fl-istamperija tal-Partit Nazzjonalista. Ambjent miftuħ, fejn verament tieħu gost taħdem.

## Laqgħat kontinwi ma' Joseph Muscat

Joseph Muscat ħa ħsieb li matul dawn il-ħames snin jiltaqa' man-nies. Hu kien jieħu l-inizjattiva jibgħat għan-nies b'mod partikolari dawk ta' twemmin politiku differenti jew dawk li hu kien jaf li kienu mxebbgħin b'xi ħaġa u jgħidilhom li hu jrid jitkellem magħhom. Dan kien jagħmlu wara li jkun infurmat dwarhom u dwar il-kapaċitajiet tagħhom. B'hekk wera li hu aċċessibbli meta l-akkużi kienu li l-Gvern u l-Partit Nazzjonalista ma kinux qed ikunu aċċessibli għan-nies jew li kien Gvern arroganti.

## Muscat irnexxielu jaqdi lin-nies

Il-Partit Laburista rnexxielu jaqdi lin-nies mill-Oppożizzjoni. Pereżempju fl-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienu ħafna dawk il-persuni b'tendenzi Laburisti li ngħataw servizz preferenzjali filwaqt li dawk b'tendenzi Nazzjonalisti bdew jiġu diskriminati. Kienu ħafna wkoll dawk il-persuni li ġew avviċinati minn persuni qrib ħafna tal-Partit Laburista biex isolvulhom il-problemi li kellhom ma' din l-Awtorità.

## Ftehim ma' setturi sħaħ tas-soċjetà

Joseph Muscat għamel l-almu kollu tiegħu sabiex jasal fi ftehim ma' setturi sħaħ tas-soċjetà li ma kienux kuntenti dwar il-qasam tax-xogħol tagħhom jew il-passatemp tagħhom. Dawn is-setturi kienu jinkludu lill-kaċċaturi u n-nassaba, lid-dilettanti tal-Karnival u l-bejjiegħa tal-Monti.

IT-TIELET TAQSIMA

# Il-ħarsa ' l quddiem

## Rakkomadazzjonijiet għal titjib fl-istrutturi u fl-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista

### Nies ġodda

Hu importanti li jinbeda proċess biex tikber il-parteċipazzjoni ta' aktar nies u żgħażagħ fil-Partit Nazzjonalista. Matul ir-riċerka tagħna, iltqajna ma' nies li ġenwinament jixtiequ jgħinu u l-Kummissjoni hi tal-fehma li dawn għandhom ikunu avviċinati individwalment.

### Aktar nies serji u kapaċi fil-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista jrid minn issa jibda jfittex nies xierqa u tajbin biex ikunu parti mill-istrutturi tiegħu, kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk li għadhom iridu jinħolqu, li jkunu kapaċi jedukaw lin-nies fl-istrutturi kollha tal-Partit skont ir-rwoli u l-ħiliet tagħhom. Dawn l-istess nies għandhom ikunu kapaċi jispjegaw u jikkonvinċu lill-elettorat it-twemmin politiku mġedded tal-Partit Nazzjonalista.

### Sens akbar ta' kolleġġjalità

Il-Partit Nazzjonalista għandu jaħdem biex jerġa' jitnissel u jissaħħaħ is-sens ta' kolleġġjalità fost dawk kollha involuti fil-Partit. Għandha ssir ħidma biex jispiċċa għal kollox is-sens ta' protagoniżmu individwali żejjed u minflok issir enfasi fuq il-ħidma kollettiva b'risq għan wieħed.

### Enfasi akbar fuq il-kwalitajiet ta' Dr Simon Busuttil bħala l-Kap il-ġdid tal-Partit Nazzjonalista

L-għażla ta' Dr Simon Busuttil bħala l-Kap il-ġdid tal-Partit Nazzjonalista diġà bagħtet messaġġ ta' tama ġdida fil-Partit u fis-soċjetà Maltija. Għalhekk il-Kap il-ġdid għandu jibqa' jimxi b'umiltà u b'determinazzjoni fil-ħidma tiegħu. Il-Kap il-ġdid għandu jwettaq il-ħidma b'mod intelliġenti u li jfittex li jdawwar lilu nnifsu b'nies ta' stoffa, onesti, leali u ta' fibra morali għolja. Dawn huma l-ingredjenti li jagħmlu mexxej b'saħħtu u modern.

### Distinzjoni ċara bejn il-ħidma politika u l-qasam kummerċjali

Għandhu jkunn hemm distinzjoni ċara bejn il-ħidma politika u l-qasam kummerċjali tal-Partit Nazzjonalista biex ikun żgurat li ż-żewġ oqsma jkunu kumplimentari għal xulxin u mhux dipendenti fuq xulxin. Is-Segretarju Ġenerali tal-Partit għandu jkun responsabbli u ffukat esklussivament fuq il-ħidma politika tal-Partit.

### Ħatra ta' Kap Eżekuttiv responsabbli mill-qasam kummerċjali

Il-Partit Nazzjonalista għandu mill-iktar fis possibbli jkollu Kap Eżekuttiv li jkun responsabbli mil-qasam kummerċjali tal-Partit b'mandat ċar li jmexxi l-qasam kummerċjali tal-Partit mingħajr ma jidħol fl-arena politika. Madankollu, il-persuna

magħżula għandha tkun persuna li għandha sensittività politika, għaliex fuq kollox, il-Partit Nazzjonalista hu organizzazzjoni politika u mhux waħda kummerċjali.

### Ħolqien ta' tim madwar il-Kap tal-Partit Nazzjonalista

Ix-xogħol li għandu quddiemu l-Partit Nazzjonalista hu dak li jibni tim li jkun ta' għajnuna għat-tmexxija tal-Partit magħmul ukoll minn nies minn barra l-istrutturi interni tal-partit għaliex b'dan il-mod jibqgħu deħlin ideat minn firxa ħafna usa  ta' nies.

### Forum Fergħat

Jinħoloq forum għall-membri tal-Fergħat u Kulleġġi tal-Partit Nazzjonalista biex dawn ikunu u jħossuhom tassew parteċipi fil-ħidma tal-Partit.

### Il-Partit Nazzjonalista jrid ikun miftuħ biex jilqa' fi ħdanu nies b'ideat ġodda

Jeħtieġ li l-Partit Nazzjonalista jsir aktar miftuħ u jħeġġeġ aktar persuni ġodda jservu f'pożizzjonijiet ta' responsabbilità fl-istrutturi tal-Partit.

### Trasparenza u responsabbilità

Għandu jsir sforz kollettiv biex kull persuna involuta fil-Partit Nazzjonalista tkun tassew trasparenti u responsabbli fil-ħidma tagħha. It-tmexxija tal-Partit għandha tirrikonoxxi lil dawk kollha li jaħdmu b'mod trasparenti u responsabbli filwaqt li tieħu pożizzjoni soda ma' dawk li jagħżlu li ma jsegwux l-eżempju tajjeb ta' ħaddieħor fil-Partit.

### Grupp Parlamentari organizzat u effettiv

Il-ħidma tal-Grupp Parlamentari għandha tkun aktar organizzata b'laqgħat jinżammu fuq bażi regolari. Il-Grupp Parlamentari għandu jżomm livell għoli ta' komunikazzjoni bejn id-Deputati membri tiegħu u mal-bqija tal-membri tal-amministrazzjoni u għeruq tal-Partit. Il-Grupp Parlamentari għandu jaħdem bis-sħiħ biex iwettaq konsultazzjoni miftuħa u tittieħed l-opinjoni ta' kull persuna fil-Partit.

### Il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista

Għandhom jiġu nkorraġġiti aktar laqgħat tal-Kunsilliera sabiex dawn ikollhom aktar opportunitajiet sabiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, u li dawn ma jiġux limitati għall-Kunsilli Ġenerali.

### Kandidati tal-Partit Nazzjonalista serji u responsabbli

Il-Partit Nazzjonalista għandu jiżgura li kull min jintagħżel li jikkontesta f'isem il-Partit Nazzjonalista jkun tassew jirrappreżenta l-valuri, il-politika, l-aspirazzjonijiet, il-proġetti, ix-xewqat u s-serjetà ta' dak kollu li hu l-Partit Nazzjonalista.

### Il-Kandidati tal-Partit Nazzjonalista għall-Kunsilli Lokali

Il-Partit Nazzjonalista jrid jibda minn issa jaħdem biex jidentifika, jikkonvinċi u jagħżel persuni li jkunu kandidati għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Din l-għażla m'għandhiex

tibqa' biss f'idejn l-uffiċjal tal-Partit responsabbli mill-Kunsilli lokali, iżda għandha tkun waħda kollettiva tat-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista.

### Persuni li għażlu li ma jivvutawx jew ivvutaw lil partiti oħra

Il-Partit Nazzjonalista jrid jagħmel eżerċizzju komprensiv biex jidentifika lil dawk kollha li fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali għażlu li ma jivvutawx jew ivvutaw lil xi partit ieħor. Għandu jsir sforz kollettiv biex il-Partit Nazzjonalista jifhem x'wassal lil kull wieħed minnhom biex ma jivvutawx lill-Partit Nazzjonalista u  jwassal messaġġ ta' tama u rieda tajba lil dawn il-persuni kollha.

### Taħriġ għall-kandidati

Il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista għandhom ikunu mħarrġa b'mod regolari f'dak li għandu x'jaqsam prinċipji politiċi, etika u *public speaking* fost oħrajn. Dan it-taħriġ għandu jkun fost il-ħidma ewlenija li għandha titwettaq mill-fondazzjoni AŻAD.

### Għajnuna finanzjarja mingħand firxa wiesgħa ta' nies

Il-Partit Nazzjonalista għandu jniedi inizjattivi ġodda biex firxa wiesgħa ta' nies jerġgħu jkunu mħeġġa jagħtu għajnuna finanzjarja lill-Partit. Apparti li jkun sors tajjeb ta' għajnuna lill-Partit, dawn l-inizjattivi jgħinu biex aktar nies iħossuhom parteċipi fil-ħidma tal-Partit Nazzjonalista.

### Il-Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti

Il-Partit Nazzjonalista għandu jagħti l-appoġġ politiku tiegħu u ma jibżax jippromwovi leġiżlazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi. B'hekk il-pubbliku jifhem aħjar is-serjetà li biha l-Partit Nazzjonalista jwettaq il-ħidma tiegħu fis-soċjetà tagħna.

### It-twaqqif ta' kumitat finanzjarju

Il-Kummissjoni ħasset li jkun importanti li jkun hemm kumitat li jagħti pariri finanzjari. Dan fil-fatt diġà seħħ bit-twaqqif mill-Kap tal-Partit ta' kumitat preċiżament sabiex jeżamina u jieħu inkonsiderazzjoni l-aspetti finanzjarji tal-partit.

### Sehem fi proġetti Ewropej

Il-Partit Nazzjonalista jeħtieġ li jsir protagonist fi proġetti Ewropej u għal dan il-għan għandu jkun aktar attiv u jidħol sħab fi proġetti Ewropej, b'mod partikolari dawk ta' natura kulturali u politika.

### Eqreb u f'kuntatt kontinwu man-nies

Il-Partit Nazzjonalista għandu jwettaq ħidma kontinwa biex ikun eqreb u f'kuntatt kontinwu man-nies. Trid issir ħidma biex titneħħa l-perċezzjoni ta' ħafna li l-Partit Nazzjonalista hu maqtugħ min-nies u 'l bogħod mill-aspirazzjonijiet tal-Maltin u l-Għawdxin.

### Żjarat fid-djar u laqgħat fil-Każini

Biex il-Membri Parlamentari tal-Partit Nazzjonalista jibqgħu qrib in-nies tul il-leġiżlatura kollha għandhom jagħmlu żjarat fid-djar (*home visits*) u laqgħat fil-każini tal-Partit fuq bażi regolari u b'mod organizzat u strutturat.

### Twaqqif ta' Kulleġġ għal eks-Deputati u eks-Kandidati

Għandu jitwaqqaf Kulleġġ li jiġbor fih eks-Deputati u eks-Kandidati tal-Partit Nazzjonalista bħala l-persuni li kellu l-unur u l-privileġġ li jservu kemm lill-Partit u anki lill-poplu Malti fil-Parlament. Dan il-Kulleġġ għandu jservi ta' għodda biex dawn il-persuni jkunu mħeġġa u megħjuna jkomplu jaħdmu u jagħtu l-kontribut tagħhom b'riżq il-Partit u l-Pajjiż. B'dan il-mod dawn l-eksDeputati u eksKanditati jkunu jistgħu jiġbru wkoll u jerġgħu jappellaw lil dawk il-partitarji kollha tagħhom li għal raġuni jew oħra jkunu birdu mill-Partit.

### Servizz ta' *Customer Care*

Is-servizz ta' *Customer Care* tal-Partit Nazzjonalista għandu jkun organizzat mill-ġdid b'mod li jkun jaqa' taħt ir-responsabbilità ta' persuna maħtura fuq rakkomandazzjoni tat-tmexxija tal-Partit. Is-servizz ta' *Customer Care* għandu jfittex li jagħmel l-aħjar użu minn numru kbir ta' voluntiera fil-Partit li jridu jgħinu lill-Partit u li matul is-snin kisbu esperjenza siewja f'din il-ħidma. Il-*Customer Care* jrid jidher u jrid ikun effiċjenti.

### Partit Nazzjonalista tassew viċin u qalbu mal-ħaddiema

Il-Partit Nazzjonalista għandu jagħti attenzjoni speċjali lill-ħidma tiegħu fost il-ħaddiema kollha, irrispettivament mill-grad jew professjoni tagħhom. Għal dan il-Moviment Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista jiġi organizzat mill-ġdid biex fost oħrajn ikun tassew punt ta' referenza u ta' appoġġ għal dawk il-ħaddiema kollha li jistgħu jispiċċaw vittmi ta' xi diskriminazzjoni inkluż dik politika.

### Solidarjetà Ħaddiema Partit Nazzjonalista

Din il-fergħa tal-Partit trid tissaħħaħ mill-aktar fis possibbli ħalli sservi bħala tarka għal dawk il-ħaddiema li ma humiex imsieħba ta' ebda *union* li jistgħu jispiċċaw vittmi ta' xi diskriminazzjoni politika.

### Aktar nisa fit-tmexxija u fl-organizzazzjoni tal-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista għandu jagħmel sforz akbar biex iħeġġeġ u jiżgura l-involviment sħiħ ta' aktar nisa fit-tmexxija u fl-organizzazzjoni tiegħu bħala Partit. In-nisa għandhom jipparteċipaw u javvanzaw fil-Partit bis-saħħa u l-ħila tagħhom stess imma b'opportunitajiet u għajnunijiet biex ikun faċli jikkontribwixxu bis-sħiħ fil-Partit. Għal dan il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jagħmel analiżi dwar il-ħtieġa u l-effettività tad-diskriminazzjoni pożittiva li fil-preżent jipprovdi l-Istatut tal-Partit.

## Aktar żgħażagħ fil-preżent u l-futur tal-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista għandu jinkoraġġixxi aktar żgħażagħ ikunu parti mit-tim tiegħu f'kull livell inkluż dak tal-kandidati għall-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Kunsilli Lokali. Għandha ssir ħidma biex il-Partit Nazzjonalista jkun aktar miftuħ għaż-żgħżagħ li mhumiex studenti iżda li għandhom ħiliet jew sengħa miksuba bil-ħila tagħhom stess. Fl-istess waqt il-Partit Nazzjonalista jeħtieġ li jsaħħaħ il-kuntatt ma' dawk iż-żgħażagħ li qegħdin jiksbu *degrees* mill-Università u l-MCAST.

## Il-Fergħat tal-partit

Irid jsir eżerċizzju minn issa sabiex il-fergħat kollha jkunu parti integrali mit-tħejijja għall-Elezzjoni Ġenerali li jmiss. Dawn iridu jiġu integrati b'mod aktar shih fil process tal-Kampanja elettorali u jingħataw *sense of ownership*.

## Dar Ċentrali li tkun tassew id-dar ta' kulħadd fil-Partit Nazzjonalista

Id-Dar Ċentrali għandha tinbidel fid-dar naturali ta' kulħadd fil-Partit Nazzjonalista. Għal dan il-għan it-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Partit għandhom jiżguraw li l-aċċess għad-Dar Ċentrali jkun wieħed miftuħ u li jibgħat messaġġ ta' inklussività. Fost oħrajn dan għandu jsir billi jinħoloq spazju fejn il-membri tal-Partit jistgħu jiltaqgħu u jitkellmu b'mod informali. Importanti wkoll li d-Dar Ċentrali ssir ċentru politiku ħaj. Post fejn jinbtu l-ideat u l-inizjattivi politiċi.

## *Media* oġġettiva u kredibbli

Il-*media* tal-Partit Nazzjonalista trid terġa' tikseb il-kredibbilità tagħha billi tibda tkun aktar oġġettiva fir-rappurtaġġ tagħha sabiex tidher li hija mmexxija bi professjonalità u serjetà. Il-*media* tal-Partit għandu jibqa' jkollha linja editorjali ċara iżda li t-tħaddim tagħha fil-prattika ma tkunx tinsulta l-intelliġenza ta' min jagħżel li jsegwi l-*media* tal-Partit Nazzjonalista.

## Personalitajiet ġodda u ta' kwalità fil-media tal-Partit Nazzjonalista

Il-*media* tal-Partit Nazzjonalista trid ittejjeb il-livell tal-produzzjonijiet taghha partikolarment dawk li għandhom l-għan li joffru divertiment ta' kwalità għall-familja.

## Komunikazzjoni ġdida

Għandu jkun hemm riċerka ta' mudelli ġodda ta' komunikazzjoni speċjalment dawk diġitali. Dan jista' jsir billi jinħoloq grupp ta' "*Rally for the PN*", ħalli stejjer u *testimonials* li ma jitwasslux mill-*mainstream media*, ikollhom *medium* fejn jistgħu jiġu mxandra.

## L-aqwa użu mis-*social media*

Il-Partit Nazzjonalista jeħtieġ li jagħmel l-aħjar użu mis-*social media* billi jinvesti fit-taħriġ tal-membri tiegħu f'dan il-qasam, it-tfassil ta' strateġija u l-implimentazzjoni tagħha fuq perjodu ta' żmien u mhux biss fi żmien kampanja elettorali.

## Sit uffiċjali ta' kwalità għall-Partit Nazzjonalista fuq l-internet

Il-Partit Nazzjonalista jeħtieġ li jkollu sit uffiċjali ta' kwalità fuq l-internet. Wara l-esperjenza pożittiva tas-sit mychoice.pn, il-Partit Nazzjonalista jeħtieġlu jinvesti f'sit li jservi ta' mezz ta' komunikazzjoni miftuħ ma' dawk kollha li jagħmlu użu mill-internet. Dan is-sit irid ikun wieħed interattiv u mhux biss ġabra ta' informazzjoni dwar il-ħidma tal-Partit Nazzjonalista minn żmien għal żmien.

## Sehem pożittiv mill-membri tal-Partit Nazzjonalista fl-*online blogs*

Il-Partit Nazzjonalista għandu jħarreġ il-membri tiegħu fl-użu tajjeb u pożittiv tal-blogs u għal dan il-għan għandu jfittex li numru ta' voluntiera joffru l-ħin u l-enerġija tagħhom biex jagħmlu użu professjonali mid-dinja tal-komunikazzjoni li qed timxi dejjem aktar lejn l-internet.

## Kuntatt kontinwu mal-mezzi tax-xandir f'pajjiżna

Il-Partit Nazzjonalista għandu jżomm kuntatt kontinwu mal-mezzi tax-xandir f'pajjiżna u mhux biss meta jkun hemm il-ħtieġa li l-Partit iwassal messaġġ partikolari. Għal dan il-għan il-Partit għandu jibda jorganizza sessjonijiet ta' kuntatt mal-media (*press briefings*) li matulhom, flimkien ma dawk involvuti fil-media issir analiżi tas-sitwazzjoni kurrenti tal-pajjiż.

## Mezz ta' komunikazzjoni bl-Ingliż

Għandha ssir riċerka mill-Partit dwar il-vijabilità ta' gazetta bl-Ingliż stampata jew *online* sabiex twassal il-messaġġ tal-partit lil dawk il-qarrejja li ma jaqrawx gazzetti bil-Malti.

## *Mission statement* ċar għall-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista għandu jkollu *mission statement* ċar għal pajjiż modern u Ewropew li joħloq il-ġid u jqassmu tajjeb. Dan il-*mission statement* għandu jkun imfassal b'mod li jinftiehem bl-aktar mod wiesa' mis-soċjetà Maltija. Fuq kollox dan il-*mission statement* ma jridx ikun wieħed li jfittex li jinterpreta s-soċjetà u l-pajjiż (għax dak mhux xogħol il-partito politiċi) iżda ta' kif il-Partit Nazzjonalista jrid ibiddel il-pajjiż għall-aħjar.

## Kodiċi ta' etika aġġornat u rispettat

Il-Partit Nazzjonalista għandu jaġġorna l-Kodiċi ta' Etika tiegħu u jadottah fl-aktar sens miftuħ fl-istrutturi kollha tiegħu. Il-Partit Nazzjonalista għandu jiżgura li dan il-Kodiċi ta' Etika aġġornat jkun rispettat minn dawk kollha attivi fl-organizzazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jikkunsidra li jfassal u jadotta wkoll *Code of Conduct* għal-kandidati tiegħu.

## Elezzjonijiet tal-Kap u Viċi Kapijiet aktar miftuħa u rappreżentattivi

Huwa importanti li min jivvota ghal dawn il-karigi, ikun involut fil-partit u ghalhekk din għandha tibqa' ssir mill-Kunsilliera. Li hemm bżonn hu li jitkabbar il-bażi tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista u li dawn ikunu eletti bi proċess aktar trasparenti u demokratiku.

### ELCOM

L-ELCOM għandu jiġi organizzat mill-ġdid.  Il-Partit Nazzjonalista għandu jfittex li jħarreġ fuq bażi regolari lil dawk il-persuni li joffru ruħhom li jservu f'dan il-grupp li għandu rwol kruċjali fil-proċess elettorali.

### Team tal-Kampanja Elettorali organizzat u b'saħħtu

Il-Partit Nazzjonalista għandu jfittex li fuq bażi permanenti jkollu team tal-kampanja elettorali li jkun wieħed organizzat u b'saħħtu f'kull mument matul il-leġiżlatura.

### Għażla infurmata u serja tal-kandidati

Il-Partit Nazzjonalista għandu jdaħħal sistema li biha ssir għażla infurmata u serja tal-kandidati prospettivi tiegħu, kemm fuq livelli lokali u anki fuq dak nazzjonali. Is-sistema għandha tkun waħda li tfittex l-aħjar nies possibbli filwaqt li tevita għal kollox deċiżjonijiet meħuda b'mod mgħaġġel.

### Sejħa għal min telaq mill-Partit Nazzjonalista

Għandha ssir ħidma biex il-Partit Nazzjonalista jidentifika wieħed wieħed u jersaq qrib dawk il-persuni li għal xi raġuni jew oħra ħassewhom li ġew imwarrba. Il-Partit għandu jwassal il-messaġġ li kulħadd huwa importanti fil-ħidma li trid issir matul is-snin li ġejjin. Il-Partit Nazzjonalista għandu jfittex b'mod kontinwu l-għajnuna u l-appoġġ ta' kull min lest li jgħin biex il-Partit Nazzjonalista jerġa' jikseb il-fiduċja u r-rispett tal-elettorat.

### Tesserati attivi u b'vuċi li tgħodd fil-Partit Nazzjonalista

It-tesserati tal-Partit Nazzjonalista għandhom ikunu rappreżentati aħjar fil-Partit u għal dan il-għan għandha tibda tiġi organizzata Konvenzjoni tat-Tesserati darba fis-sena li matulha t-tesserati jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod dirett fit-tfassil tal-politika tal-Partit. Fl-istess waqt il-Partit Nazzjonalista jridu jieħu inizjattivi biex it-tesserati kollha jkunu attivi fil-ħidma tal-Partit f'livelli differenti.

### Pożizzjoni ċara kontra l-*block-voting*

Il-Partit Nazzjonalista għandu jistqarr pożizzjoni ċara kontra l-*block-voting* fil-livelli kollha tal-Partit, jiġifieri fil-votazzjoni fi ħdan l-istrutturi ċentrali tal-Partit kif ukoll fuq livelli ta' Kumitati Sezzjonali.

### Grupp ta' ħidma politika għal kull Deputat

Kull Deputat elett f'isem il-Partit Nazzjonalista għandu jwaqqaf grupp ta' ħidma politika sabiex jgħinu fil-qasam li għalih ikun responsabbli bħala kelliem f'isem il-Partit. Dan il-grupp ta' ħidma politika għandu jinkludi nies esperti fil-qasam tagħhom, rappreżentanti tal-membri tal-Partit u fejn ikun possibbli rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

### Għażla favur rappreżentanza mifruxa fid-deċiżjonijiet dwar il-*bye-elections*

Il-Partit Nazzjonalista għandha jiżgura li f'każ li jkun hemm kandidat li jkun ġie elett minn aktar minn Distrett elettorali wieħed, id-deċiżjoni dwar liema distrett għandu jiġi ċedut

biex issir bye-election fih għandu tkun waħda li twassal biex ikun hemm rappreżentanza aktar mifruxa fuq id-distretti kollha.

### Is-Soċjetà Ċivili

l-Partit Nazzjonalista jrid minn issa jibda jiltaqa' mal-korpi kostitwiti kif ukoll ma' nies li jaħdmu barra mill-istess korpi ħalli jifhem l-isfidi li għandhom u joffri l-appoġġ li għandhom bżonn sabiex jegħlbuhom.

### Ħatriet pubbliċi li jkunu tassew skont il-mertu, is-serjetà u l-kompetenza

Il-Partit Nazzjonalista għandu jistqarr u jwettaq politika favur ħatriet pubbliċi li jkunu tassew skont il-mertu, is-serjetà u l-kompetenza tal-persuni magħżula. Għal dan il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jfassal u jippubblika regoli ċari dwar kif ser isiru l-ħatriet pubbliċi meta jkun elett fil-Gvern.

### Limitu ta' għaxar snin konsekuttivi bħala Ministru

Il-Partit Nazzjonalista għandu jikkunsidra li jistabbilixxi limitu ta' għaxar snin għal kemm Deputat elett f'ismu jista' jservi bħala Ministru tal-Gvern. Dan il-limitu għandu jgħodd irrispettivament mid-dikasteru li jkun jokkupa minn żmien għal żmien.

### Limitu ta' għaxar snin konsekuttivi bħala Prim Ministru

Il-Partit Nazzjonalista għandu jikkunsidra li jistabbilixxi limitu ta' għaxar snin għal kemm Deputat elett f'ismu jista' jservi bħala Prim Ministru.

### Limitu ta' għaxar snin konsekuttivi bħala Kap tal-Partit

Il-Partit Nazzjonalista għandu jikkunsidra li jistabbilixi limitu ta' għaxar snin għal kemm persuna għandha sservi bħala Kap tal-Partit meta l-Partit ikun fl-Oppożizzjoni.

### Attenzjoni speċjali għall-ħidma f'Għawdex

Il-Partit Nazzjonalista għandu jorganizza mill-ġdid il-ħidma tiegħu f'Għawdex billi fost oħrajn jiżgura li jkun hemm sforz kollettiv mill-kandidati u d-Deputati u l-Kunsilliera Lokali eletti f'isem il-Partit.  Għal dan il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jfittex li jkollu preżenza b'saħħitha f'Għawdex sabiex jerġa' jkabbar il-maġġoranza tiegħu f'Għawdex. .

### Ministri li jirrappreżentaw aktar lill-elettorat

Il-Partit Nazzjonalista għandu jiżgura li filwaqt li l-ħatra tal-Ministri tibqa' l-prerogattiva tal-Prim Ministru, l-għażla tagħhom għandha tkun waħda li tirrappreżenta aktar lill-elettorat. Għal din il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jfittex li kull distrett elettorali jkun rappreżentat b'mod xieraq fil-Kabinett tal-Ministri.

### It-twaqqif ta' *Focus Groups* għal aktar parteċipazzjoni

Il-Partit Nazzjonalista għandu jkollu fi ħdanu struttura organizzata li tieħu ħsieb li twaqqaf u tmexxi *focus groups* fuq bażi regolari u fejn persuni minn setturi differenti jiġu mistiedna jagħtu l-opinjoni tagħhom u jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika tal-Partit.

### Ftuħ ta' fergħat kummerċjali ġodda

Il-Partit Nazzjonalista missu jikkunsidra l-ftuħ ta' entitajiet kummerċjali ġodda sabiex mid-dħul tagħhom isostni l-operat tiegħu. Il-Kummissjoni ma għandhiex dubju li dawn il-materji ser jiġu eżaminati mill-kumitat il-ġdid li ġie mwaqqaf.

## Rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-Amministrazzjoni Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista

### Ir-Rwol tal-Kumitati Sezzjonali

Trid issir enfasi dwar il-ħtieġa li l-Kumitati Sezzjonali verament jirriflettu l-viżjoni tal-Partit Nazzjonalista u li bil-ħidma tagħhom, in-nies tal-ibliet u l-irħula tagħna ta' kull età u minn firxa wiesgħa tas-soċjetaà jħossuhom komdi jaħdmu fi ħdanhom.

### Il-kariga ta' District Manager

Din il-kariga u dik tal-Assistent tas-Segreterija, għandhom isiru waħda. Min jokkupa din il-kariga għandu jagħmel ix-xogħol ta' *District Manager* u Assistent tas-Segreterija f'daqqa. Il-persuna magħżula għandha tkun mid-distrett li fih ser tkun qed taħdem.

### Kariga waħda

Il-Partit Nazzjonalista għandu jikkunsidra jekk kull min għandu rwol fl-istrutturi tal-Partit għandux jokkupa aktar minn kariga waħda fil-livelli differenti tal-Partit.

### It-tiġdid tal-għeruq tal-Partit Nazzjonalista

Il-Partit Nazzjonalista jrid jaħdem biex ikun hemm tiġdid fl-għeruq tiegħu, b'mod partikolari fil-Kumitati Sezzjonali. Għal dan il-għan il-Partit Nazzjonalista għandu jara li fi żmien qasir isiru l-Laqgħat Ġenerali Annwali tal-Kumitati Sezzjonali kollha f'Malta u Għawdex filwaqt li jħeġġeġ aktar nies joffru s-servizz tagħhom bħala membri attivi ta' dawn il-Kumitati. Biex isir dan il-Partit Nazzjonalista għandu jorganizza kampanja b'saħħitha ta' tesserament f'kull lokalità bis-sehem tat-tmexxija, l-amministrazzjoni tal-Partit u d-Deputati, Kandidati u Kunsilliera Lokali.

### Il-Każini tal-Partit Nazzjonalista bħala l-għodda tal-Partit f'kull lokalità

Għandu jsir sforz biex il-Każini jerġgħu jibdew jinfetħu kuljum f'kull lokalità u jintużaw mid-Deputati u Kandidati biex jiltaqgħu man-nies fost oħrajn permezz ta' inizjattiva soċjali u edukattivi. Kull membru tal-Kumitat Sezzjonali għandu jkun mogħti ħidma xi jwettaq u jkun mogħti l-importanza xierqa. Il-Partit għandu wkoll jagħmel analiżi ta' kif kull Kumitat Sezzjonali jkun qed jagħmel użu mill-Każin u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jitjieb.

### Element soċjali u edukattiv

Il-Każini għandhom jorganizzaw diversi attivitajiet li mhumiex relatati mal-politika, u jkunu miftuħa għal kull sezzjoni tas-soċjetà Maltija. F'ċertu lokalitajiet, għandhom isiru aktar attivitajiet iffukati u studjati skont kif hija komposta is-soċjetà tal-lokalità.

### Il-Kumitati Sezzjonali

Il-Partit Nazzjonalista jrid jistudja jekk għandux ibiddel il-kompożizzjoni tal-Kumitati Sezzjonali u kif għandhom jiġu rappreżentati fil-Kunsill Ġenerali. Nifhmu li din hija materja li qed tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Istatut.

### Ir-rwol tal-membri tal-Kumitati Sezzjonali

Irid jkun hemm diskussjoni sħiħa dwar ir-rwol tal-membri tal-Kumitati Sezzjonali fejn għandu x'jaqsam il-*canvassing* għal Deputat jew Deputati tad-distrett.

### It-Tesseri

Għandha tibda ħidma koordinata sabiex isir tqassim tat-tesseri b'mod aktar organizzat u strutturat u sabiex ikun hemm rappurtaġġ sħiħ dwar l-andament tat-tqassim tat-tesseri.

### L-Aspett teknoloġiku

Il-Partit Nazzjonalista irid jibda jaħdem minn issa ħalli jinfluwenza l-opinjoni minn fuq is-*social media* fuq livell distrettwali jew reġjonali.

### Aktar minn jedd wieħed biex tkun membru tal-Kunsill Ġenerali

Trid tiġi studjata bir-reqqa s-sitwazzjoni attwali fejn persuna tesserata jista' jkollha aktar minn jedd wieħed biex tkun membru tal-Kunsill Ġenerali, liema persuna xorta jkollha vot wieħed. Din is-sitwazzjoni tista' tnaqqas l-opportunità sabiex persuna oħra jkollha post u vot fil-Kunsill Ġenerali.

### Vot għall-Kunsilliera Lokali kollha fil-Kunsill Ġenerali

Il-Kunsilliera Lokali kollha eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista għandu jkollhom vot fil-Kunsill Ġenerali.

### MŻPN f'kull lokalità

Kull Kumitat Sezzjonali għandu jfittex li jwaqqaf fergħa tal-MŻPN fil-lokalità li tkun responsabbli li torganizza attivitajiet politiċi u soċjali għaż-żgħażagħ.

### Ir-rwol tal-każini fit-transparenza u l-onestà politika u amministrattiva

Il-każini jridu jkunu parti mill-kampanja sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u l-onestà fil-Partit.

**31 ta' Mejju 2013**